**Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu**

►B

# LINJA TA' GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tas-16 ta' Lulju 2004**

**dwar l-obbligi ta' rappurtaġġ ta' statistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam ta' l-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti u tal-qagħda internazzjonali dwar l-investiment, u l-mudell tar-riżervi internazzjonali**

***(BĊE/2004/15)***

(2004/808/KE)

(ĠU L 354, 14.10.2005, p. 34)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Linja ta' Gwida tal-Bank BĊE/2007/3 Ċentrali Ewropew tal-31 ta' Mejju 2007 | L 159 | 48 | 20.6.2007 |

▼B

# LINJA TA' GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tas-16 ta' Lulju 2004**

**dwar l-obbligi ta' rappurtaġġ ta' statistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam ta' l-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti u tal-qagħda internazzjonali dwar l-investiment, u l-mudell tar-riżervi internazzjonali**

***(BĊE/2004/15)***

(2004/808/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropeja tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment l-Artiklu 5.1, l-Artiklu 12.1 u l-Artiklu 14.3,

Billi:

(1) Biex twettaq il-ħidmiet tagħha, is-Sistema Ewropeja tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) teżiġi statistika dettaljata u serja dwar il-bilanċ tal-pagamenti u dwar il-qagħda intenazzjonali ta' l-investiment, u l-mudell tar-riżervi internazzjonali, li tindika l-elementi ewlenin li jaffettwaw il-kundizzjonijiet monetarji u s-swieq tal-kambju fiż-żona ta' l-euro.

(2) L-ewwel sentenza ta' l-Artiklu 5.1. ta' l-iStatut teżiġi li biex il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ikun jista' jwettaq il-ħidmiet tas-SEBĊ, il-BĊE assistit mill-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi), jiġbor l-informazzjoni statistika meħtieġa, jew mill-awtoritajiet kompetenti l-oħra minbarra l-BĊNi, jew direttament mill-aġenti ekonomiċi. It-tieni sentenza ta' l-Artiklu 5.1 tipprovdi li għal dawn l-għanijiet huwa għandu jikkopera ma' l-istituzzjonijiet jew il-korpi tal-Komunita', u ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-iStati Membri jew ta' pajjiżi terzi, u ma' l-organizzazzjonijiet internazzjonali. L-Artiklu 5.2 jistabbilixxi li l-BĊNi għandhom iwettqu, sa fejn hu possibbli, il-ħidmiet deskritti fl-Artiklu 5.1.

(3) L-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġu sodisfatti l-obbligi tal-BĊE fil-qasam ta' l-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti u tal-qagħda internazzjonali dwar l-investiment tista' tinġabar u/jew ikkumpilata mill-awtoritajiet kompetenti l-oħra minbarra l-BĊNi. Għaldaqstant, xi wħud mill-ħidmiet li għandhom jitwettqu taħt din il-Linja ta' Gwida jeħtieġu koperazzjoni bejn il-BĊE jew il-BĊNi u dawk l-awtoritajiet kompetenti, b'mod konformi ma' l-Artiklu 5.1 ta' l-Istatut. L-Artiklu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98 tat-23 ta' Novembru 1998, dwar il-ġbir ta' informazzjoni statistika mill-Bank Ċentrali Ewropew ([1]) jeżiġi li l-Istati Membri jorganizzaw irwieħhom fil-qasam ta' l-istatistika u biex jikkoperaw bis-sħiħ mas-SEBĊ biex jiżguraw is-sodisfazzjon ta' l-obbligi li jirriżultaw mill-Artiklu 5 ta' l-Istatut.

(4) Parti mill-informazzjoni statistika meħtieġa għandha x'taqsam mal-kont finanzjarju tal-bilanċ tal-pagamenti, id-dħul relatat u l-qagħda internazzjonali dwar l-investiment, li għalihom l-eurosistema hija primarjament responsabbli. Sabiex ikunu jistgħu jwettqu l-obbligu tagħhom li jassistu lill-BĊE f'dan il-qasam, il-BĊNi għandu jkollhom il-kompetenza neċessarja dwar l-istatistika, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-kunċetti, il-metodoloġija u l-ġbir, il-kumpilazzjoni, l-analiżi u t-trasmissjoni tad-*data*. Fl-Irlanda is-*Central Statistics Office* (CSO) jiġbor u jikkumpila l-informazzjoni statistika relevanti. Sabiex iwettqu l-obbligi ta' statistika tal-BĊE, is-*Central Bank and Financial Services Authority of Ireland* u s-CSO għandhom jikkooperaw bejniethom skond kif huwa stabbilit fir-Rakkomandazzjoni

([1]) ĠU L 318, tas-27.11.1998, p. 8.

▼B

BĊE/2004/16 dwar l-obbligi ta' rappurtaġġ ta' statistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-bilanċ tal-pagamenti u tal-qagħda internazzjonali dwar l-investiment, u l-mudell tar-riżervi internazzjonali ([1]). Ir-Rakkomandazzjoni BĊE/2004/16 hija indirizzata wkoll lill-*Ufficio Italiano dei Cambi* li, flimkien mal-*Banca d'Italia*, huwa responsabbli għall-ġbir u l-kumpilazzjoni ta' l-informazzjoni statistika relevanti fl-Italja.

(5) Minn mindu ġiet addottata l-Linja ta' Gwida BĊE/2003/7 tat-2 ta' Mejju 2003, dwar l-obbligi ta' rappurtaġġ ta' statistika tal-Bank Ċentrali Ewropew fil-qasam tal-bilanċ tal-pagamenti u tal-qagħda internazzjonali dwar l-investiment, u l-mudell tar-riżervi internazzjonali ([2]), sar progress tanġibbli fir-rigward ta' l-obbligi l-ġodda u l-metodi tal-ġbir u l-kumpilazzjoni tad-*data* fiż-żona ta' l-euro. Jinħtieġ għalhekk li l-Linja ta' Gwida BĊE/2003/7 tiġi sostitwita bil-Linja ta' Gwida preżenti.

(6) Minħabba d-diffikultajiet inerenti li wieħed jiltaqa' magħhom matul il-kumpilazzjoni ta' l-istatistika dwar l-investiment tal-portafoll, id-definizzjoni ta' strateġiji komuni għall-ġbir ta' din l-informazzjoni fiż-żona ta' l-euro ġiet ikkunsidrata meħtieġa. Minn Marzu ta' l-2008 'il quddiem, is-sistemi ta' ġbir ta' l-investiment tal-portafoll fiż-żona ta' l-euro għandhom jikkonformaw ma' standard komuni, jiġifieri wieħed mill-erba' mudelli li jinkludu, bħala minimu, il-ġabra ta' stokks trimestrali, titolu b'titolu, kif stabbilit fit-tabella li tinsab fl-Anness VI. Id-disponibbiltà tas-*Centralised Security Database* (CDSB, *Database* Ċentralizzata dwar Titoli) li jaħdem hija meqjusa bħala essenzjali sabiex is-sistemi l-ġodda ta' ġbir jibdew jaħdmu. Għaldaqstant, jekk il-"*Project Closure Document*" (id-dokument ta' l-għeluq tal-proġett) għall-Fażi 1 tal-proġett tas-CSDB ma jiġix ippreżentat lill-Kunsill Governattiv permezz tal-Kumitat ta' l-Istatistika tas-SEBĊ (minn issa 'il quddiem il-"KST") sat-tmiem ta' Marzu 2005, din l-iskadenza (kif ukoll dawk applikabbli għal obbligi oħra relatati ma' l-investiment tal-portafoll) għandha tiġi ddiferita bl-istess tul ta' żmien daqs b' kemm tkun tard is-sottomissjoni. Is-SEBĊ għandha tevalwa wkoll sa nofs l-2006, jekk il-kopertura informattiva dwar it-titoli fis-CSDB u l-arranġamenti għall-iskambju ta' *data* ma' l-Istati Membri humiex biżżejjed sabiex il-BĊNi, jew l-awtoritajiet l-oħra ta' l-Statistika kompetenti, meta xieraq, ikunu jistgħu jissodisfaw l-istandards tal-kwalità speċifikati f'din il-Linja ta' Gwida. Sabiex ikun hemm konformità ma' l-obbligi dwar it-titoli ta' l-investiment tal-portafoll maħruġa minn residenti taż-żona ta' l-euro, ikklassifikati skond is-settur ta' min joħroġhom, skond l-iskadenzi li jinsabu fit-Tabella 13 ta' l-Anness II, il-BĊE għandu jipprovdi lill-BĊNi bl-informazzjoni tas-CSDB ta' mill-inqas 15-il xahar qabel id-dati ta' referenza.

(7) Ir-rappurtaġġ tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet u l-qagħdiet fl-attiv u/jew fil-passiv tar-residenti taż-żona ta' l-euro fil-konfront ta' residenti ta' Stati Membri oħra taż-żona ta' l-euro huwa meħtieġ sabiex jiġu sodisfatti l-obbligi ta' statistika tal-BĊE fil-qasam ta' l-investiment tal-portafoll (u d-dħul relatat). Din id-*data* tintuża sabiex jinġabru t-tranżazzjonijiet u l-qagħdiet aggregati taż-żona ta' l-euro fil-passiv ta' l-investiment tal-portafoll u fid-debiti tad-dħul ta' l-investiment tal-portafoll. Dan huwa skond l-obbligi nazzjonali jew il-prattiċi stabbiliti.

(8) Is-CSDB, li fil-ġejjieni se jintuża għal bosta skopijiet differenti ta' statistika (kumpilazzjoni u produzzjoni) u anke mhux ta' statistika (analiżi ekonomika, ta' stabilità finanzjarja jew operattiva) se jkun disponibbli għall-BĊNi. Il-kontenut tad-*data* ser ikun disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti l-oħra minbarra l-BĊNi, bla ħsara għal kwalunkwe restrizzjonijiet legali li jistgħu jkunu applikabbli. Dan ser jgħin b'mod notevoli fil-produzzjoni tagħhom tad-*data*

([1]) ĠU C 292, tat-30.11.2004, p. 4.
([2]) ĠU L 131, tat-28.5.2003, p. 20.

▼B

meħtieġa għall-kumpilazzjoni ta' l-istatistika dwar it-tranżazzjonijiet u l-qagħdiet taż-żona ta' l-euro fir-rigward ta' l-investiment tal-portafoll. B'mod partikolari, billi tgħaqqad flimkien l-informazzjoni mis-CSDB b'*data* miġbura titolu b'titolu, għandu jkun possibbli biex tikkumpila b'mod preċiż it-tranżazzjonijiet u l-qagħdiet fit-titoli ta' l-investiment tal-portafoll maħruġa mir-residenti taż-żona ta' l-euro u miżmuma mir-residenti f'pajjiżi oħra taż-żona ta' l-euro. Fl-aħħarnett dan jippermetti l-kumpilazzjoni ta' klassifikazzjoni settorali għad-*data* dwar il-passiv ta' l-investiment tal-portafoll taż-żona ta' l-euro.

(9) L-użu tal-bilanċ tal-pagamenti u tal-qagħda internazzjonali dwar l-investiment taż-żona ta' l-euro għall-kumpilazzjoni tal-kont tal-bqija tad-dinja fil-kontijiet finanzjarji trimestrali taż-żona ta' l-euro joħloq il-ħtieġa li tinġabar *data* tal-qagħda internazzjonali dwar l-investiment kull tlett xhur. Barra minn dan, għall-kontijiet finanzjarji taż-żona ta' l-euro, kif ukoll għall-analiżi monetarja, huwa meħtieġ li d-depożiti jiġu sseparati mis-self u li jiġu ddentifikati investimenti oħrajn. Barra minn dan, il-valutazzjoni ta' l-interess fl-ishma ta' l-investiment barrani dirett taż-żona ta' l-euro teżiġi klassifikazzjoni addizzjonali bejn il-kumpaniji ta' investiment dirett ikkwotati u dawk mhux ikkwotati fuq il-Borża.

(10) Bħala kontribut għar-reviżjoni annwali tas-sehem internazzjonali ta' l-euro, id-*data* statistika dwar it-tranżazzjonijiet u l-qagħdiet f'titoli ta' dejn ikklassifikata skond il-valuta hija meħtieġa sabiex tiġi evalwata l-qagħda ta' l-euro bħala valuta ta' l-investiment.

(11) Il-qafas ta' l-evalwazzjoni tal-kwalità għall-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti u tal-qagħda internazzjonali dwar l-investiment taż-żona ta' l-euro, kif ukoll il-mudell tar-riżervi internazzjonali, għandu jiġi ddefinit, kemm jista' jkun, b'mod konformi mad-*Data Quality Assessment Framework* (il-Qafas ta' l-Evalwazzjoni tal-Kwalità tad-*data*) żviluppat mill-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF). Il-BĊNi, f'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti l-oħra minbarra l-BĊNi, meta xieraq, għandhom jevalwaw il-kwalità tad-*data* li huma jikkontribwixxu. Għandhom jiġu stabbiliti kriterji xierqa għall-evalwazzjoni tal-kwalita' tad-*data*, li jinkludu t-tempestività, il-preċiżjoni, il-kredibbiltà, il-konsistenza interna u esterna u s-serjeta'.

(12) It-trasmissjoni ta' informazzjoni statistika kunfidenzjali mill-BĊNi lill-BĊE sseħħ sa fejn ikun meħtieġ u bid-dettall meħtieġ għat-twettiq tal-ħidmiet tas-SEBĊ. Meta l-awtoritajiet kompetenti l-oħra minbarra l-BĊNi jkunu l-għajn ta' l-informazzjoni statistika indikata bħala kunfidenzjali, l-użu ta' din l-informazzjoni mill-BĊE għandu jkun illimitat għall-eżerċizzju tal-ħidmiet ta' statistika relatati mas-SEBĊ.

(13) Jinħtieġ li titwaqqaf proċedura biex isiru b'mod effettiv emendi tekniċi lill-annessi ma' din il-Linja ta' Gwida, kemm-il darba dawn l-emendi la jbiddlu l-qafas kunċettwali bażiku, lanqas ma jaffettwaw id-dmir ta' rapportaġġ ta' l-aġenti li jirrapportaw fl-iStati Membri. Il-fehmiet tal-KST jiġu meqjusa meta tintuża din il-proċedura. Il-BĊNi jistgħu jipproponu dawn l-emendi tekniċi lill-annessi ma' din il-Linja ta' Gwida permezz tal-KST.

(14) Skond l-Artiklu 12.1 u l-Artiklu 14.3 ta' l-iStatut, il-linji ta' gwida tal-BĊE jagħmlu parti integrali mil-liġi tal-Komunita',

ADDOTTA DIN IL-LINJA TA' GWIDA:

*Artiklu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-iskopijiet ta' din il-Linja ta' Gwida:

▼B

— “Stat Membru parteċipanti” għandha tfisser Stat Membru li addotta l-valuta waħdanija skond it-Trattat,

— it-terminu “resident” għandu jkollu l-istess tifsira mogħtija fl-Artiklu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2533/98,

— “żona ta” l-euro' għandha tfisser it-territorju ekonomiku ta' l-iStati Membri parteċipanti, u l-BĊE. It-territorji li jagħmlu parti mill-, jew il-pajjiżi assoċjati ma' l-iStati Membri taż-żona ta' l-euro huma mniżżla fl-Anness II, Tabella 10,

— “Ewrosistema” għandha tfisser il-BĊNi ta' l-iStati Membri parteċipanti u l-BĊE,

— “tranżazzjoni internazzjonali” għandha tfisser kwalunkwe tranżazzjoni li toħloq jew tifdi, għal kollox jew parzjalment, klejms jew passiv, jew kwalunkwe tranżazzjoni li timplika t-trasferiment ta' xi dritt fuq xi oġġett bejn ir-residenti taż-żona ta' l-euro u dawk barra ż-żona ta' l-euro,

— “qagħdiet internazzjonali” għandha tfisser it-total ta' l-attiv u talpassiv finanzjarji fil-konfront ta' residenti barra ż-żona ta' l-euro. Il-qagħdiet internazzjonali għandhom ikopru wkoll (i) artijiet, attiv ieħor tanġibbli u mhux maħluq u beni oħra mmobbli li jinsabu fiżikament barra ż-żona ta' l-euro u fil-propjetà ta' residenti taż-żona ta' l-euro u/jew li jinsabu fiż-żona ta' l-euro u fil-propjetà ta' residenti barra ż-żona ta' l-euro; u (ii) deheb monetarju u drittijiet speċjali ta' ġbid tal-flus (SDRs) fil-propjeta' ta' residenti taż-żona ta' l-euro.

Madanakollu, għal dak li hu meħtieġ biex tikkumpila l-kont ta' l-investiment tal-portafoll u l-kont tad-dħul ta' l-investiment tal-portafoll fi ħdan l-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti, u l-kont ta' l-investiment tal-portafoll fi ħdan l-istatistika tal-qagħda internazzjonali dwar l-investiment, li jkopru ż-żona ta' l-euro, it-termini “qagħdiet internazzjonali” u “tranżazzjonijiet internazzjonali” jinkludu wkoll il-qagħdiet u t-tranżazzjonijiet fl-attiv u/jew fil-passiv tar-residenti taż-żona ta' l-euro fil-konfront ta' residenti ta' Stati Membri oħra taż-żona ta' l-euro,

— “attiv ta' riżerva” għandha tfisser klejms likwidi ħafna, negozzjabbli u solvibbli miżmuma mill-eurosistema fil-konfront ta' residenti barra ż-żona ta' l-euro u ddenominati f'valuti oħra minbarra l-euro, flimkien mad-deheb, il-qagħdiet ta' riżerva fl-IMF u l-*holdings* ta' SDR,

— “attiv ieħor ta” valuta barranija' għandha tfisser (i) klejms miżmuma mill-eurosistema fil-konfront ta' residenti taż-żona ta' l-euro ddenominati f'valuti oħra minbarra l-euro; u (ii) klejms miżmuma mill-eurosistema fil-konfront ta' residenti barra ż-żona ta' l-euro ddenominati f'valuti oħra minbarra l-euro li ma jissodisfawx il-kriterji tal-likwidità, in-negozzjabbiltà u s-solvibbiltà ta' l-attiv ta' riżerva,

— “passiv relatat mar-riżerva” għandha tfisser *drains* netti għal żmien qasir, iddeterminati minn qabel u eventwali fuq l-eurosistema, li huma simili għall-attiv ta' riżerva u għall-attiv ieħor ta' valuta barranija ta' l-eurosistema,

— “bilanċ tal-pagamenti” għandha tfisser ir-rendikont statistiku li jirrapporta, bil-klassifikazzjoni xierqa, it-tranżazzjonijiet internazzjonali matul il-perjodu taħt eżami,

— “mudell tar-riżervi internazzjonali'” għandha tfisser ir-rendikont statistiku li jirrapporta, bil-klassifikazzjoni xierqa, il-qagħdiet ta' l-attiv ta' riżerva, l-attiv ieħor ta' valuta barranija u l-passiv relatat mar-riżerva ta' l-eurosistema f' ċerta data ta' referenza,

— “qagħda internazzjonali dwar l-investiment” tfisser il-karta tal-bilanċ li tirrapporta, bil-klassifikazzjoni xierqa, il-qagħda ta' l-attiv u l-passiv finanzjarju internazzjonali f' ċerta data ta' referenza,

▼B

— ġabra ta' *data*"titolu b'titolu" tfisser il-ġabra ta' *data* kklassifikata f' titoli individwali.

*Artiklu 2*

**Obbligi ta' statistika tal-BĊNi**

1. Il-BĊNi għandhom ipoġġu għad-dispożizzjoni tal-BĊE *data* dwar it-tranżazzjonijiet u l-qagħdiet internazzjonali, kif ukoll il-qagħdiet ta' l-attiv ta' riżerva, l-attiv ieħor ta' valuta barranija u l-passiv relatat mar-riżerva li huma meħtieġa sabiex il-BĊE jkun jista' jikkumpila l-bilanċ tal-pagamenti u ta' l-istatistika dwar il-qagħda internazzjonali dwar l-investiment, kif ukoll il-mudell tar-riżervi internazzjonali taż-żona ta' l-euro. Id-*data* għandha tiġi ttrasmessa skond l-iskadenzi li jinsabu fit-Tabella 13 ta' l-Anness II.

2. Flimkien mad-*data* għandha tingħata informazzjoni li tkun faċilment disponibbli dwar avvenimenti individwali ewlenin u dwar ir-raġunijiet għar-reviżjonijiet, meta l-impatt tat-tibdil fid-*data* kkawżata minn dawn l-avvenimenti individwali ewlenin u mir-reviżjonijiet ikun wieħed sinifikanti jew meta dan jintalab mill-BĊE.

3. Fir-rigward tat-tranżazzjonijiet ta' kull xahar u dawk trimestrali u tal-qagħdiet trimestrali jew annwali, id-*data* meħtieġa għandha tingħata lill-BĊE skond kif huwa stabbilit fl-Annessi I, II u III, b'mod konformi ma' l-istandards internazzjonali attwali, b'mod partikolari mal-ħames edizzjoni tal-Manwal tal-Bilanċ tal-Pagamenti ta' l-IFM. B'mod partikolari, id-*data* mitluba dwar it-tranżazzjonijiet u l-qagħdiet li jirrigwardaw l-attiv ta' l-investiment tal-portafoll f'titoli taż-żona ta' l-euro, ikklassifikata skond is-settur ta' min joħroġ dawn it-titoli li jkun residenti fiż-żona ta' l-euro, għandha tiġi pprovduta kif stabbilit fl-Anness I, Artikoli 1.1, 1.2 u 3 u l-Anness II, Tabelli 1, 2, 4 u 5.

4. Id-*data* meħtieġa dwar il-bilanċ tal-pagamenti għandha tiġi pprovduta kull xahar jew kull tlett xhur. Id-*data* trimestrali dwar il-bilanċ tal-pagamenti għandha tinkludi klassifikazzjoni ġeogragfika fir-rigward tal-kontropartijiet imniżżla fit-Tabella 9 ta' l-Anness II. Id-*data* mitluba dwar il-mudell tar-riżervi internazzjonali għandha tkun lesta fl-aħħar tax-xahar li għalih id-*data* tirreferi. Id-*data* mitluba dwar il-qagħda internazzjonali dwar l-investiment għandha tkun lesta kull trimestru u kull sena. Id-*data* tal-qagħda annwali internazzjonali dwar l-investiment għanda tinkludi klassifikazzjoni ġeografika fir-rigward tal-kontropartijiet li jinsabu fit-Tabella 9 ta' l-Anness II.

5. Għall-analiżi tas-sehem internazzjonali ta' l-euro bħala valuta ta' l-investiment, għandha tingħata d-*data* mitluba kklassifikata skond il-valuta kull sitt xhur kif stabbilit fit-Tabella 6 ta' l-Anness II.

▼M1

6. Minn Marzu 2008, jibdew bid-data li tikkorrispondi mat-tranżazzjonijiet ta' Jannar 2008 u ma' pożizzjonijiet ta' tmiem l-2007, sistemi ta' ġbir ta' l-investiment tal-portafoll għandhom jikkonformaw ma' wieħed mill-mudelli stabbiliti fit-tabella fl-Anness VI. Il-mudell magħżul jista' jiddaħħal gradwalment biex BĊN individwali jilħaq il-kopertura fil-mira indikata fl-Anness VI sa mhux aktar tard minn Marzu 2009, fir-rigward ta' *stocks* ta' Diċembru 2008.

7. (a) Fir-rigward ta' kull Stat Membru li jadotta l-euro fi jew wara l-1 ta' Jannar 2007, kemm il-BĊN ta' dak l-Istat Membru kif ukoll il-BĊNi ta' l-Istati Membri parteċipanti l-oħra kollha meta dak l-Istat Membru jadotta l-euro, għandhom jagħtu lill-BĊE *data* b'lura li tikkorrispondi mad-*data* meħtieġa fit-Tabelli 1 sa 8 ta' l-Anness II. Dawn il-BĊNi għandhom jipprovdu d-*data* b'lura mid-dati ta' referenza stabbiliti hawn taħt, bl-eċċezzjoni tat-tqassim elenkat fit-Tabella 13, fejn l-aktar perijodu kmieni ta' referenza li għandu jiġi rrappurtat għandu jkun dak indikat f'dik it-tabella. Id-*data* b'lura kollha għandha tingħata skond l-aħjar stima.

▼M1

(i) jekk kull Stat Membru li jadotta l-euro ssieħeb fl-UE qabel Mejju ta' l-2004, id-*data* b'lura għandha tkopri, bħala minimu, il-perijodu mill-1999.

(ii) jekk kull Stat Membru li jadotta l-euro ssieħeb fl-UE f'Mejju ta' l-2004, id-*data* b'lura għandha tkopri, bħala minimu, il-perijodu mill-2004.

(iii) jekk kull Stat Membru li jadotta l-euro ssieħeb fl-UE wara Mejju ta' l-2004, id-*data* b'lura għandha tkopri, bħala minimu, il-perijodu mid-data li fiha l-Istat Membru ssieħeb fl-UE.

(b) Jekk id-*data* b'lura msemmija fil-paragrafu (a) ma tinkludix diġà osservazzjonijiet ta' kull xahar li jkopru ħames snin għal kull wieħed mill-erba' subpartiti tal-kont kurrenti tal-bilanċ tal-pagamenti, jiġifieri prodotti, servizzi, dħul u trasferimenti kurrenti, allura l-BĊNi għandhom jiżguraw li d-*data* li huma jipprovdu tinkludi dawn l-osservazzjonijiet.

(ċ) B'deroga mis-subparagrafu (a), il-Banque Centrale du Luxembourg m'għandux ikun meħtieġ li jittrasmetti *data* b'lura għall-perijodu li jispiċċa f'Diċembru 2001, u n-Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique għandu jittrasmetti *data* b'lura konġunta għall-Belġju u l-Lussemburgu għall-perijodu li jispiċċa f'Diċembru 2001.

▼B

*Artiklu 3*

**Tempestività**

1. Id-*data* mitluba għall-kumpilazzjoni tal-bilanċ tal-pagamenti ta' kull xahar taż-żona ta' l-euro għandha titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-BĊE sa l-għeluq tan-negozju fit-30 jum tax-xogħol wara t-tmiem tax-xahar li għalih id-*data* tirreferi.

2. Id-*data* mitluba għall-kumpilazzjoni tal-bilanċ tal-pagamenti ta' kull tlett xhur taż-żona ta' l-euro għandha titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-BĊE fi żmien tlett xhur mit-tmiem tat-trimestru li għalih id-*data* tirreferi.

3. Id-*data* mitluba għall-kumpilazzjoni tal-mudell tar-riżervi internazzjonali ta' l-eurosistema għandha titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-BĊE fi żmien tlett ġimgħat mit-tmiem tax-xahar li għalih id-*data* tirreferi.

4. Mill-1 ta' Jannar 2005, id-*data* mitluba għall-kumpilazzjoni tal-qagħda trimestrali internazzjonali dwar l-investiment taż-żona ta' l-euro għandha titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-BĊE fi żmien tlett xhur mit-tmiem tat-trimestru li għalih id-*data* tirreferi.

5. Id-*data* annwali mitluba għall-kumpilazzjoni tal-qagħda internazzjonali dwar l-investiment taż-żona ta' l-euro għandha titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-BĊE fi żmien disa' xhur mit-tmiem tas-sena li għaliha d-*data* tirreferi.

▼M1

6. Tranżazzjonijiet u pożizzjonijiet f'titoli ta' debitu maqsumin skond il-valuta tal-ħruġ għandhom ikunu disponibbli għall-BĊE fi żmien sitt xhur mit-tmiem tal-perijodu li dwaru għandha x'taqsam id-*data*.

▼B

7. Ir-reviżjonijiet dwar il-bilanċ tal-pagamenti u l-qagħda internazzjonali dwar l-investiment taż-żona ta' l-euro għandhom jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-BĊE skond l-iskeda stabbilita fl-Anness IV.

▼B

8. Il-ġbir nazzjonali ta' din id-*data* għandu jiġi organizzat bil-għan li jintlaħqu dawn l-iskadenzi.

*Artiklu 4*

**Kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti l-oħra minbarra l-BĊNi**

1. Meta l-egħjun tad-*data* kollha deskritta fl-Artikolu 2 jew parti minnha jkunu awtoritajiet kompetenti oħra minbarra l-BĊNi, il-BĊNi għandhom jistabbilixxu l-modalitajiet xierqa ta' kooperazzjoni ma' dawn l-awtoritajiet biex jiżguraw struttura permanenti għat-trasmissjoni tad-*data* li tissodisfa l-istandards tal-BĊE, b'mod partikolari dwar il-kwalità tad-*data*, u kwalunkwe rekwiżit ieħor tagħha kif stabbilit f'din il-Linja ta' Gwida, sakemm l-istess riżultat ikun diġà nkiseb mil-leġislazzjoni nazzjonali.

2. Fir-rigward tal-kont finanzjarju tal-bilanċ tal-pagamenti, id-dħul relatat, u l-qagħda internazzjonali dwar l-investiment, il-BĊNi huma responsabbli biex jiżguraw li l-kunċetti, il-metodoloġija u l-ġbir tad-*data*, il-kumpilazzjoni, l-analiżi u t-trasmissjoni f'dawn l-oqsma jkunu miżmuma u żviluppati.

3. Meta l-egħjun ta' l-informazzjoni statistika indikata bħala kunfidenzjali jkunu l-awtoritajiet kompetenti minbarra l-BĊNi, din l-informazzjoni għandha tintuża mill-BĊE esklussivament għat-twettiq tal-ħidmiet ta' statistika relatati mas-SEBĊ, sakemm l-aġent li jirrapporta jew il-persuna l-oħra ġuridika jew fiżika, l-entità jew il-fergħa li tkun tat l-informazzjoni, kemm-il darba din tkun tista' tiġi identifikata, jkunu taw il-kunsens tagħhom b'mod ċar sabiex din l-informazzjoni tintuża għal skopijiet oħra.

*Artiklu 5*

**Standard ta' trasmissjoni**

L-informazzjoni statistika mitluba għandha tiġi ttrasmessa lill — BĊE f' forma li tissodisfa l-obbligi stabbiliti fl-Anness IV.

*Artiklu 6*

**Il-kwalità ta' l-informazzjoni statistika**

1. Mingħajr preġudizzju għall-ħidmiet ta' sorveljanza tal-BĊE kif stabbiliti fl-Anness V, il-BĊNi għandhom, b'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti l-oħra minbarra l-BĊNi kif imsemmi fl-Artikolu 4 meta xieraq, jiżguraw li ssir sorveljanza u evalwazzjoni tal-kwalità ta' l-informazzjoni statistika li titpoġġa għad-dispożizzjoni tal-BĊE. Il-BĊE jagħmel evalwazzjoni simili tad-*data* dwar il-bilanċ tal-pagamenti taż-żona ta' l-euro, l-istatistika tal-qagħda internazzjonali dwar l-investiment u r-riżervi internazzjonali. L-evalwazzjoni għandha ssir fil-ħin. Il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għandu jirrapporta kull sena lill-Kunsill Governattiv dwar il-kwalità tad-*data*.

2. L-evalwazzjoni tal-kwalità tad-*data* dwar it-tranżazzjonijiet u l-qagħdiet ta' l-investiment tal-portafoll, kif ukoll dwar id-dħul relatat, hija soġġetta għal kopertura informattiva suffiċjenti dwar titoli fis-CSDB. Il-BĊE, bħala amministratur tas-CSDB, għandu jissorvelja jekk, minn Ġunju ta' l-2006, 'il quddiem, l-informazzjoni dwar it-titoli tkunx tagħti kopertura biżżejjed sabiex il-BĊNi, jew l-awtoritajiet kompetenti l-oħra meta xieraq, ikunu jistgħu jissodisfaw bis-sħiħ l-istandards tal-kwalità speċifikati f'din il-Linja ta' Gwida.

3. Sabiex tingħata *data* dwar tranżazzjonijiet u qagħdiet li jirrigwardaw assi ta' portafoll ta' investiment f'titoli taż-żona ewro, mqassma skond kull settur tal-persuna li tkun ħarġithom u li tkun

▼B

residenti fiż-żona Ewro, l-użu ta' l-estimi huwa permess sakemm is-sistemi ta' ġbir titolu b'titolu ta' l-investiment tal-portafoll isiru obbligatorji.

4. F'dak li jirrigwarda l-għoti ta' *data* dwar il-munita ta' ħruġ fir-rigward ta' *data* dwar portafoll ta' investiment, l-użu ta' estimi huwa permess sakemm is-sistemi ta' ġbir titolu b'titolu ta' l-investiment tal-portafoll isiru obbligatorji.

▼M1

4a. L-aħjar stejjem għandhom ikunu permessi għat-tqassim li ġej fit-Tabella 2 ta’ l-Anness II:

(a) subpartiti ta’ dħul minn investiment ieħor: I Ċ 2.3.1 sa Ċ 2.3.3, u partiti tal-memorandum 1 sa 4;

(b) subpartiti ta’ trasferimenti kurrenti: I D 1.1 sa D 1.8 u D 2.2.1 sa D 2.2.11; u

(ċ) subpartiti ta’ trasferimenti kapitali: II A.1 u A.2.

▼B

5. Is-sorveljanza tal-kwalità ta' l-informazzjoni statistika tista' tinkludi eżaminazzjoni dettaljata tar-reviżjonijiet li jkunu saru għal din id-*data*: fl-ewwel lok, sabiex tiġi nkluża l-aħħar evalwazzjoni ta' l-informazzjoni statistika, b'hekk illi tittejjeb il-kwalità; fit-tieni lok, sabiex tiġi żgurata kemm jista' jkun konsistenza bejn l-partiti korrispondenti tal-bilanċ tal-ħlasijiet għal kull frekwnza differenti.

*Artiklu 7*

**Proċedura ssimplifikata ta' emenda**

Wara li jikkunsidra l-fehmiet tal-KST, il-Bord Eżekuttiv tal-BĊE għandu jkollu l-fakulta' li jagħmel emendi tekniċi lill-annessi ma' din il-Linja ta' Gwida, kemm-il darba dawn l-emendi la jbiddlu l-qafas bażiku kunċettwali, lanqas jaffettwaw id-dmir ta' rapportaġġ ta' l-aġenti li jirrapportaw fl-iStati Membri.

*Artiklu 8*

**Revoka**

Il-Linja ta Gwida BĊE/2003/7 qiegħda bil-preżenti tiġi rrevokata.

*Artiklu 9*

**Dħul fis-seħħ**

Din il-Linja ta' Gwida għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2004.

*Artiklu 10*

**Destinatarji**

Din il-Linja ta' Gwida hija indirizzata lill-BĊNi ta' l-iStati Membri parteċipanti.

▼B

*ANNESS I*

**Obbligi ta' Statistika tal-Bank Ċentrali europew**

1. **Statistika dwar il-bilanċ tal-pagamenti**

Il-Bank Ċentrali europew (BĊE) jeħtieġ statistika dwar il-bil-anċ tal-pagamenti f'żewġ intervalli: fix-xahar u kull tlett xhur fir-rigward tal-perjodu ta' referenza relattivi tal-kalendarju. Id-*data* annwali tiġi kumpilata billi tiżdied id-data ta' kull tlett xhur rapportata mill-Istati Membri għas-sena korrispondenti. Sa fejn ikun possibbli, l-istatistiċi dwar il-bilanċ tal-pagamenti għandhom ikunu konsistenti ma' l-istatistiċi l-oħrajn provduti għat-tmexxija tal-politika monetarja.

1.1. *Statistiċi ta' kull xahar tal-bilanċ tal-pagamenti*

Skop

L-iskop tal-bilanċ tal-ħlasijiet ta' kull xahar taż-żona euro huwa sabiex jintwerew l-elementi ewlenin li jaffettwaw l-kondizzjonijiet monetarji u s-swieq tal-kambju (ara l-Anness II, Tabella 1).

Rekwiżiti

Huwa essenzjali li d-*data* tkun adattata sabiex tiontuża fil-kalkolu tal-bilanċ tal-pagamenti taż-żona euro.

Minħabba t-terminu ta' skadenza qasir għall-forniment tad-*data* ta' kull xahar dwar il-bilanċ tal-pagamenti, in-natura ferm aggregata tagħhom u l-użu tagħhom għal skopijiet tal-politika monetarja u operazzjonijiet tal-kambju ta' valuta barranija, il-BĊE jippermetti xi devjazzjoni millo-istandards internazzjonali (ara l-Artikolu 2(3) ta' din il-Linja ta' Gwida), fejn dan ma jistax jiġi evitat. M'huwiex meħtieġ li ssir reġistrazzjoni fuq il-bażi ta' l-akkumulazzjoni jew it-transazzjonijiet sħaħ. Bi ftehim mal-BĊE, il-banek ċentrali nazzjonali (BĊN) jistgħu jipprovdu *data* dwar il-kont kurrenti u finanzjarju fuq bażi ta' pagament finali. Meta jkun meħtieġ sabiex tintlaħaq id-data ta' skadenza, il-BĊE jaċċetta estimi jew *data* preliminari.

Dak li huwa meħtieġ għal kull kategorija wiesgħa ta' transazzjonijiet huwa l-attiv u l-passiv (jew krediti u debiti għal partiti ta' kont kurrenti). B'mod ġenerali dan jeħtieġ li l-BĊN, f'dak li għandu x'jaqsam ma' transazzjonijiet esterni, jiddistingwu bejn transazzjonijiet ta' Stati membri oħra taż-żona euro u transazzjonijiet barra ż-żona euro. Il-BĊN jagħmlu dan b'mod konsistenti.

Meta s-sħubija taż-żona euro tinbidel, il-BĊN ikunu meħtieġa li jimplimentaw il-bidla fid-definizzjoni tal-kompożizzjoni ta' pajjiżi taż-żona euro mid-data meta l-bidla fis-sħubija sseħħ. L-aħjar stimi tad-*data* storika li tkopri ż-żona euro mkabbra tiġi mitluba mingħand il-BĊN taż-żona euro kif kienet komposta qabel u ta' l-Istati Membri l-ġodda li jipparteċipaw.

Sabiex tkun tista' ssir aggregazzjoni bis-sens tad-*data* li għandha x'taqsam maż-żona euro fuq bażi ta' kull xahar fil-qasam tal-portafolji ta' investiment, għandha ssir distinzjoni bejn transazzjonijiet f'titoli maħruġa minn persuni residenti fiż-żona euro u transazzjonijiet f'titoli maħruġa minn persuni mhux residenti fiż-żona euro. L-istatistiċi dwar it-transazzjonijiet netti f'assi ta' portafolji ta' investiment taż-żona euro jiġu kkumpilati permezz tal-konsolidazzjoni tat-transazzjonijiet netti tal-passiv totali nazzjonali u t-transazzjonijeit netti f'titoli maħruġa u mixtrija minn residenti taż-żona euro.

Fir-rigward tad-dħul minn portafoll ta' investiment, jiġu applikati rekwiżit ta' rapportaġġ u metodu ta' kumpilazzjoni analogi għad-*data* aggregata.

Bil-għan li tiġi kumpilata l-preżentazzjoni monetarja tal-bilanċ tal-pagamenti, il-BĊN huma meħtieġa jippreżentaw id-*data* mqassma skond kull settur istituzzjonali. Għar-rigward tal-bilanċ tal-pagamenti ta' kull xahar it-tqassim settorali huwa skond kif ġej:

— Għall-investiment dirett: (i) IFM (esklużi banek ċentrali); u (ii) Setturi oħrajn,

— Għal assi f'portafoll ta' investiment: (i) awtoritajiet monetarji; (ii) IFM (esklużi banek ċentrali); u (iii) mhux IFM,

— għal kull xorta ta' investiment ieħor: (i) awtoritajiet monetarji; (ii) IFM (esklużi banek ċentrali); (iii) gvern ġenerali; u (iv) setturi oħrajn.

▼B

Bil-għan li jiġi kumpilat tqassim settorali tal-bilanċ tal-pagamenti, b'hekk li tkun tista' ssir kostruzzjoni ta' preżentazzjoni monetarja, il-BĊN huma meħtieġa jipprovdui, mid-data stabbilita fit-Tabella 13 ta' l-Anness II tal-Linja ta' Gwida preżenti, *data* dwar transazzjonijiet netti f'titoli ta' portafolji t'a' investiment maħruġa minn residenti taż-żona euro mqassma skond is-settur istituzzjonali ta' min ikun ħareġ it-titoli. Barra minn hekk, il-passiv ta' portafoll ta' investiment għandu jinkludi analiżi statistika ta' kull settur istituzzjonali ta' min ikun ħareġ it-titoli fuq livell domestiku.

L-istatistiċi dwar it-transazzjonijiet netti passivi ta' portafolji ta' investiment fiż-żona euro mqassma skond is-settur għandhom imbagħad jiġu kumpilati permezz ta' konsolidazzjoni tat-total nett passiv nazzjonali tas-setturi rispettivi u t-transazzjonijiet netti korrispondenti f'titoli maħruġa u mixtrija minn residenti taż-żona euro.

Minn Marzu ta' l-2008, għal transazzjonijiet relatati ma' Jannar ta' l-2008, il-BĊN (u awtoritajiet kompetenti oħrajn fejn ikun approprjat), id-*data* dwar portafolji ta' investiment għandha tinġabar skond wieħed mill-mudelli li jinsabu fit-tabella ta' l-Anness VI.

1.2. *Statistiċi ta' kull tlett xhur tal-bilanċ tal-ħlasijiet*

Skop

L-iskop tal-bilanċ tal-pagamenti ta' kull tlett xhur taż-żona euro huwa li jagħti informazzjoni aktar ddettaljata sabiex tkun tista' ssir analiżi ulterjuri tat-transazzjonijiet esterni. Dawn l-istatistiċi jikkontribwixxu b'mod partikolari għall-kumpilazzjoni tal-kontijiet settorali u finanzjarji taż-żona euro u għall-pubblikazzjoni konġnta tal-bilanċ tal-pagamenti ta' l-UE/żona euro b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni tal-Komunitajiet europej (Eurostat).

Rekwiżiti

L-istatistiċi ta' kul tlett xhur tal-bilanċ tal-pagamenti jridu jikkonformaw kemm jista' jkun ma' l-istandards internazzjonali (ara l-Artikolu 2(3) ta' din il-Linja ta' Gwida). It-tqassim meħtieġ ta' l-istatistiċi ta' kull tlett xhur tal-bilanċ tal-pagamenti huwa preżentat fl-Anness IOI, Tabella 2. Il-kunċetti u d-definizzjonijiet armonizzati użati fil-kontijiet tal-kapital u dawk finanzjarji huma preżentati fl-Anness III.

It-tqassim tal-kont kurrenti ta' kull tlett xhur huwa simili għal dak meħtieġ għaċ-ċifri ta' kull xahar. Madanakollu, għad-dħul huwa meħtieġ tqassim aktar iddettaljat fuq bażi ta' kull tlett xhur.

Fil-kont finanzjarju, il-BĊE isegwi r-rekwiżiti tal-ħames edizzjoni tal-Manwal tal-Bilanċ tal-Pagamenti tal-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI) (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ il-“BPM5”) għall-partita “investiment ieħor”. Hemm differenza fil-preżentazzjoni tat-tqassim (i.e. settur bħala l-ewwel prijorità). It-tqassim settorali huwa madanakollu kumpatibbli mat-tqssim tal-BPM5 meta l-istrumenti jkollhom prijorità. Bħal fil-preżentazzjoni tal-BPM5, issir distinzjoni bejn munita u depożiti u self u investimenti oħrajn.

Il-BĊN huma meħtieġa jiddistingwu fl-istatistiċi tagħhom ta' kull tlett xhur tal-bilanċ tal-pagamenti bejn transazzjonijiet ma' Stati membri li jipparteċipaw u t-transazzjonijiet esterni l-oħrajn kollha. Għar-rigward tad-*data* ta' kull xahar, huwa meħtieġ li ssir distinzjoni bejn transazzjonijiet f'titoli maħruġa minn persuni residenti fiż-żona euro u titoli maħruġa minn persuni mhux residenti fiż-żona euro għad-*data* ta' kull tlett xhur fil-qasam ta' portafolji ta' investiment. L-istatistiċi dwar transazzjonijeit netti f'assi ta' portafolji ta' investiment taż-żona euro jiġu kumpilati permezz ta' aggregazzjoni tat-transazzjonijeit netti rapportati f'titoli maħruġa minn persuni mhux residenti fiż-żona euro. It-transazzjoniojiet netti fil-passiv ta' portafolji ta' investiment jiġu kumpilati permezz tal-konsolidazzjoni ta' transazzjonijeit netti fil-passiv nazzjonali totali u transazzjonijiet netti f'titoli maħruġa u mixtrija minn persuni residenti fiż-żona euro.

Għar-rigward tad-dħul minn portafolji ta' investiment, jintużaw rekwiżit ta' rapportaġġ u metodu ta' kumpilazzjoni analogi għad-*data* aggregata.

F'dak li jirrigward l-investiment dirett, il-BĊN huma meħtieġa jippreżentaw kull tlett xhur “analiżi statistika settorali ta' l-IFM (esklużi l-banek ċentrali)/mhux IFM”. Għal “assi ta' portafoll ta' investiment” u “investiment ieħor” it-tqassim tar-rapporti skond is-setturi istituzzjonali isegwi l-komponenti standard tal-FMI li jinkludu (i) awtoritajiet monetarji; (ii) IFM (esklużi banek ċentrali); (iii) gvern ġenerali; u (iv) setturi oħrajn.

▼B

Għall-kumpilazzjoni ta' l-istatistiċi dwar iż-żona euro it-transazzjonijiet netti fil-passi ta' portafolji ta' investiment skond is-settur ta' min joħroġ dawn it-titoli u li jkunu residenti fiż-żona euro, ir-rekwiżiti ta' *data* ta' kull tlett xhur huma simili għal dawk tal-bilanċ ta' pagamenti ta' kull xahar.

Għall-bilanċ tal-pagamenti taż-żona euro, hija meħtieġa fuq bażi ta' kull tlett xhur *data* dwar l-imgħax akkumulat mill-investiment. B'mod konformi mas-Sistema ta' Kontijiet Nazzjonali, il-BPM5 jirrakkomanda li l-imgħax għandu jitniżżel fuq il-bażi ta' l-akkumulazzjonijiet. Dan ir-rekwiżit jaffettwa kemm il-kont kurrenti (dħul mill-investiment) kif ukoll il-kont finanzjarju.

## 2. Mudell ta' riżervi internazzjonali

S k o p

Il-mudell tar-riżervi internazzjonali huwa stqarrija ta' kull xahar ta' l-assi ta' riżerva, minbarra assi ta' valuta barranija u l-passiv relatat mar-riżervi miżmuma mill-BĊN u l-BĊE wara l-preżentazzjoni tal-mudell konġunt tal-FMI/Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali (BĦI) dwar "Ir-Riżervi Internazzjonali u l-Likwidità ta" Valuta Barranija'. Din l-informazzjoni tikkumplimenta d-*data* dwar assi ta' riżerva inkluża fl-istatistiċi tal-bilanċ tal-pagamenti taż-żona euro u tal-qagħda ta' l-investimenti internazzjonali.

O b b l i g i

L-assi ta' riżerva taż-żona euro huma krediti ferm likwidi, negozzjabbli u solvibbli miżmuma mill-BĊE ("riżervi komuni") u mill-BĊN ("riżervi mhux komuni") dwar persuni mhux residenti fiż-żona euro u denominati f'valuta barranija (jiġifieri muniti oħrajn minbarra l-euro), deheb, il-qagħdiet tar-riżervi fid-disponibbiltà tal-FMI u d-DSĠ. Dawn jistgħu jinkludu l-qagħdiet f'derivattivi finanzjarji. L-assi ta' riżerva jiġu kumpilati fuq bażi grossa mingħajr ma jiġi skontat il-passiv relatat mar-riżervi. It-tqassim tad-*data* meħtieġa mill-BĊN hija preżentata fl-Anness II, Tabella 3, Taqsima I.A.

L-assi li huma denominati f'valuta barranija ta' l-eurosistema li ma jaqgħux taħt din id-definizzjoni, jiġifieri (I) krediti kontra residenti taż-żona euro; u (ii) krediti kontra persuni mhux residenti fiż-żona euro li ma jissodisfawx il-kriterji ta' likwidità, negozzjabbiltà u solvibbiltà, huma inklużi taħt il-partita ta' "assi oħrajn ta' valuta barranija" tal-mudell ta' riżervi internazzjonali (Anness II, Tabella 3, Taqsima I.B).

Il-krediti denominati f'euro kontra persuni mhux residenti u l-bilanċi f'valuta barranija miżmuma mill-gvernijiet ta' l-Istati Membri li jipparteċipaw m'humiex meqjusa bħala assi ta' riżerva; dawn l-ammonti jitniżżlu bħala "investiment ieħor" jekk ikunu jirrappreżentaw krediti kontra persuni mhux residenti fiż-żona euro.

Barra minn hekk, l-informazzjoni dwar il-passiv nett kemm jekk predeterminat kif ukoll jekk biss potenzjali ta' l-eurosistema li hija konnessa ma' l-assi ta' riżerva u l-assi oħrajn ta' valuta barranija ta' l-eurosistema, l-hekk imsejjaħ "passiv relatat mar-riżervi", għandha tiġi rapportata taħt l-Anness II, Tabella 3, Taqsimiet II sa IV.

## 3. Statistiċi dwar il-qagħda ta' l-investiment internazzjonali International investment position statistics

S k o p

Il-qagħda ta' investiment internazzjonali hija dikjarazzjoni ta' l-attiv u l-passiv estern taż-żona euro fit-totalità tagħha, għall-finijiet ta' l-analiżi tal-politika monetarja u tas-suq tal-kambju. B'mod partikolari, din tikkontribwixxi għall-evalwazzjoni tal-vulnerabbiltà esterna ta' l-Istati membri u sabiex jiġu sorveljati l-iżviluppi ta' l-investimenti f'assi likwidi barra mill-pajjiż mis-settur li għandu investimenti fi flus. Din l-informazzjoni statistika hija fundamentali għall-kumpilazzjoni tal-kont tal-kumplament tad-dinja fil-kont finanzjarju ta' kull tlett xhur taż-żona euro u tista' tgħin ukoll fil-kumpilazzjoni taċ-ċirkolazzjoni tal-bilanċ tal-pagamenti.

▼B

Obbligi

Il-BĊE jeħtieġ statistiċi dwar il-qagħda ta' l-investiment internazzjonali fuq bażi ta' kull tlett xhur u fuq bażi annwali fir-rigward tal-livelli tal-qagħdiet fi tmiem il-perjodu.

Id-*data* dwar il-qagħda ta' l-investiment internazzjonali għandha tikkonforma kemm jista' jkun ma' l-istandards internazzjonali (ara l-Artikolu 2(3) ta' din il-Linja ta' Gwida). Il-BĊE jiġbor il-qagħda ta' investiment internazzjonali għaż-żona euro fit-totalità tagħha. L-analiżi statistika tal-qagħda ta' l-investiment internazzjonali għaż-żona euro hija preżentata fl-Anness II, Tabella 4.

Il-qagħda ta' investiment internazzjonali turi l-qagħda finanzjarja fit-tmiem tal-perjodu ta' referenza, stmata bi prezzijiet tat-tmiem tal-perjodu. Il-bidliet fil-valur tal-qagħdiet jistgħu jkunu dovuti għall-fatturi li ġejjin. Fl-ewwel lok, parti mill-bidla fil-valur matul il-perjodu ta' referenza tista' tkun dovuta għat-transazzjonijiet finanzjarji li jkunu seħħu u li jkunu ġew imniżżla fil-bilanċ tal-pagamenti. Fit-tieni lok, parti mill-bidliet fil-qagħdiet fil-bidu u fit-tmiem ta' perjodu partikolari jkunu kkawżati minn bidliet fil-prezzijiet ta' l-attiv u l-passiv finanzjarji murija. Fit-tielet lok, f'każ li l-qagħdiet jkunu denominati f'muniti differenti mill-unità tal-kont użata għall-qagħda ta' l-investiment internazzjonali, il-bidliet fir-rati tal-kambju fil-konfront ta' muniti oħrajn jaffettwaw ukoll il-valuri. Fl-aħħar nett, kull bidla oħra li ma tkunx dovuta għall-fatturi hawn fuq imsemmija jitqiesu li huma dovuti għal "aġġustamenti oħrajn".

Rikonċiljazzjoni kif suppost bejn iċ-ċirkolazzjonijiet u l-qagħdiet finanzjarji taż-żona euro teħtieġ li ssir distinzjoni bejn il-bidliet fil-valur dovuti minħabba l-prezz, bidliet fir-rati tal-kambju u aġġustamenti oħrajn.

Il-kopertura tal-qagħda ta' investiment internazzjonali għandha tkun kemm jista' jkun qrib ta' dik għaċ-ċirkolazzjonijeit tal-bilanċ tal-ħlasijiet ta' kull tliet xhur. Kemm jista' jkun, id-*data* dwar il-qagħda ta' investiment internazzjonali għandha tkun konsistenti ma' statistiċi oħrajn, bħal statistiċi tal-flus u ta' l-attivitajiet bankarji, il-kontijeit finanzjarji u l-kontijeit nazzjonali.

Fir-rigward tal-bilanċ ta' pagamwenti ta' kull xahar u ta' kull tlet xhur, il-BĊN huma meħtieġa jagħmlu distinzjoni fl-istatistiċi tagħhom tal-qagħda ta' investiment internazzjonali bejn investimenti fil-konfront ta' Stati membri li jipparteċipaw ui l-qagħdiet esterni l-oħrajn kollha. Fil-kontijiet ta' portafolji ta' investiment, trid issir distinzjoni bejn investimenti f'titoli maħruġa minn residenti taż-żona euro u titoli maħruġa minn persuni mhux residenti taż-żona euro. L-istatistiċi dwar l-attiv nett f'portafolji ta' investiment taż-żona euro jiġu kumpilati permezz ta' aggregazzjoni ta' l-attiv nett f'titoli maħruġa minn persuni mhux residenti fiż-żona euro. L-istatistiċi dwar il-passiv nett f'portafolji ta' investiment fiż-żona euro jiġ kumpilati permezz ta' konsolidazzjoni tal-passiv nett totali nazzjonali f'titoli maħruġa u mixtrija minn residenti taż-żona euro.

Il-BĊN huma meħtieġa jissottomettu l-investimenti ta' kull tlett xhur u kull sena skond l-istess taqsim settorali għall-"investiment dirett", "l-assi ta' protafoll ta' investiment"' u "investiment ieħor" bħal dak taċ-ċirkolazzjoni ta' kull tlett xhur tal-bilanċ ta' pagamenti.

Għall-kompilazzjoni tal-BĊE ta' tqassim settorali tal-passiv nett taż-żona euro f'portafolji ta' investiment, l-obbligi imposti fuq il-BĊN li jirrigwardaw *data* dwar il-qagħda ta' investiment internazzjonali huma l-istess bħal dawk taċ-ċirkolazzjonijiet tal-bilanċ tal-pagamwenti, bla ħsara għall-istess dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 2(6) ta' din il-Linja ta' Gwida.

L-attiv u l-passiv ta' portafolji ta' investiment fi ħdan il-qagħda ta' investiment internazzjonali jiġu kumpilati biss mid-*data* dwar il-qagħda.

Mit-tmiem ta' Marzu ta' l-2008, il-BĊN (u awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' l-istatistika oħrajn fejn dan ikun approprjat) għandhom jiġbru, bħala minimu, il-qagħdiet ta' kull tlett xhur ta' portafolji ta' investiment ta' l-attiv u l-passiv fuq bażi ta' titolu b'titolu skond wieħed mill-mudelli stabbiliti fit-tabella li tinsab fl-Anness VI.

▼B

*ANNESS II*

## TQASSIM MEĦTIEĠ

TABELLA 1

**Kontribuzzjonijiet nazzjonali ta' kull xhar għall-bilanċ tal-pagamenti taż-żona ta' l-euro** [1]

| | Kreditu | Debitu | Nett |
|---|---|---|---|
| I. **Kont kurrenti** | | | |
| Prodotti | ekstra | ekstra | ekstra |
| Servizzi | ekstra | ekstra | ekstra |
| Dħul | | | |
| Kumpens ta' l-impjegati | ekstra | ekstra | ekstra |
| Dħul mill-investiment | | | |
| — investiment dirett | ekstra | ekstra | ekstra |
| — portafoll ta' investiment | ekstra | | nazzjonali |
| — investiment ieħor | ekstra | ekstra | ekstra |
| Trasferimenti kurrenti | ekstra | ekstra | ekstra |
| II. **Kont kapitali** | ekstra | ekstra | ekstra |
| | Attiv nett | Passiv nett | Nett |
| III. **Kont finanzjarju** | | | |
| Investiment dirett | | | ekstra |
| Barra mill-pajjiż | | | ekstra |
| — Interess azzjonarju | | | ekstra |
| (i) IFM (minbarra l-banek ċentrali) | | | ekstra |
| (ii) Setturi oħrajn | | | ekstra |
| — Dħul investit mill-ġdid | | | ekstra |
| (i) IFM (minbarra l-banek ċentrali) | | | ekstra |
| (ii) Setturi oħrajn | | | ekstra |
| — Kapital ieħor | | | ekstra |
| (i) IFM (minbarra l-banek ċentrali) | | | ekstra |
| (ii) Setturi oħrajn | | | ekstra |
| Fl-ekonomija li tirrapporta | | | ekstra |
| — Interess azzjonarju | | | ekstra |
| (i) IFM (minbarra l-banek ċentrali) | | | ekstra |
| (ii) Setturi oħrajn | | | ekstra |
| — Dħul investit mill-ġdid | | | ekstra |
| (i) IFM (minbarra l-banek ċentrali) | | | ekstra |
| (ii) Setturi oħrajn | | | ekstra |
| — Kapital ieħor | | | ekstra |

▼B

| | Attiv nett | Passiv nett | Nett |
|---|---|---|---|
| (i) IFM (minbarra l-banek ċentrali) | | | ekstra |
| (ii) Setturi oħrajn | | | ekstra |
| Portafoll ta' investiment ([2]) | ekstra/intra | nazzjonali | |
| Titoli ta' interess azzjonarju | ekstra/intra | nazzjonali | |
| (i) Awtoritajiet monetarji | ekstra/intra | — | |
| (ii) IFM (minbarra l-banek ċentrali) | ekstra/intra | nazzjonali | |
| (iii) Mhux IFM | ekstra/intra | nazzjonali | |
| Titoli ta' dejn | ekstra/intra | nazzjonali | |
| — Bonds u noti | ekstra/intra | nazzjonali | |
| (i) Awtoritajiet monetarji | ekstra/intra | — | |
| (ii) IFM (minbarra l-banek ċentrali) | ekstra/intra | nazzjonali | |
| (iii) Mhux IFM | ekstra/intra | nazzjonali | |
| — Strumenti tas-suq tal-flus | ekstra/intra | nazzjonali | |
| (i) Awtoritajiet monetarji | ekstra/intra | — | |
| (ii) IFM (minbarra l-banek ċentrali) | ekstra/intra | nazzjonali | |
| (iii) Mhux IFM | ekstra/intra | nazzjonali | |
| Derivattivi finanzjarji | | | nazzjonali |
| Investiment ieħor | ekstra | ekstra | ekstra |
| Awtoritajiet monetarji | ekstra | ekstra | |
| Gvern ġenerali | ekstra | ekstra | |
| Li minnu: | | | |
| Valuta u depożiti | ekstra | | |
| IFM (minbarra l-banek ċentrali) | ekstra | ekstra | |
| — Fil-futur imbiegħed | ekstra | ekstra | |
| — Fil-futur qrib | ekstra | ekstra | |
| Setturi oħrajn | ekstra | ekstra | |
| Li minnhom: | | | |
| Valuta u depożiti | ekstra | | |
| Attiv ta' riżerva | ekstra | | |

([1]) ekstra” tfisser transazzjonijiet ma persuni mhux residenti fiż-żona ta' l-euro (fir-rigward ta' l-assi minn portafoll ta' investiment u dħul relatat din tirreferi għar-residenza ta' dawk li joħorġuhom)
“intra” tfiser transazzjonijiet bejn Stati Membri differenti taż-żona ta' l-euro
“nazzjonali” tfisser it-transazzjonijiet internazzjonali kollha minn residenti ta' xi Stat Membru parteċipanti (użata biss f'konnessjoni mal-passiv tal-kontijiet tal-portafoll ta' investiment u l-bilanċ nett tal-kontijiet ta' derivattivi finanzjarji).

([2]) Tqassim skond is-settur ibbażat fuq (i) detenturi taż-żona ta' l-euro fil-każ ta' assi ta' portafoll ta' investiment *ekstra* ż-żona ta' l-euro; u (ii) entitajiet li joħorġu titoli taż-żona ta' l-euro fil-każ ta' l-attiv u l-passiv tal-portafoll ta' l-investiment *intra* ż-żona ta' l-euro.

▼M1

TABELLA 2

**Kontribuzzjonijiet nazzjonali trimestrali għall-bilanċ tal-pagamenti taż-żona ta' l-euro** ([1])

| | Kreditu | Debituu | Nett |
|---|---|---|---|
| I. **Kont kurrenti** | | | |
| A. Prodotti | extra | extra | extra |
| B. Servizzi | extra | extra | extra |
| C. Dħul | | | |
Għall-iskop li tinbena statistika esterna, aggregata u ta' importanza għaż-żona ta' l-euro, ġew identifikati kunċetti u definizzjonijiet fil-qasam ta' l-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti (dħul, kontijiet kapitali u finanzjarji), ta' l-istatistika dwar il-qagħda internazzjonali ta' l-investiment u l-mudell tar-riżervi internazzjonali. Dawn il-kunċetti u definizzjonijiet huma bbażati fuq dak li hu msejjaħ "Pakkett ta' Implimentazzjoni" (Lulju, 1996) u dokumenti addizzjonali approvati mill-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). Standards kurrenti internazzjonali, bħal ma hi l-ħames edizzjoni tal-Manwal tal-Bilanċ tal-Pagamenti (minn issa 'l quddiem il-"M5BP") tal-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF) u l-mudell ta' l-IMF/Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali dwar ir-Riżervi Internazzjonali u l-Likwidita' tal-Valuta Barranija, ġew użati bħala referenza fil-formulazzjoni ta' dawn il-kunċetti u d-definizzjonijiet. Il-proposti ta' armonizzazzjoni l-aktar importanti huma mniżżla hawn isfel konformi man-noti metodoloġiċi tal-BĊE dwar "Il-bilanċ tal-pagamenti u l-qagħda internazzjonali dwar l-investiment taż-żona ta' l-euro (inklużi r-riżervi)" ippubblikati fuq il-*website* tiegħu: http://www.ecb.int. Wieħed jista' jsib aktar għajnuna fil-Kapitli 2 u 3 tal-pubblikazzjoni tal-BĊE *European Union balance of payments/international investment position statistical methods* (minn issa 'l quddiem "il-Ktieb tal-B.t.p") li hija riveduta kull sena u tista' tinstab kemm fuq il-*website*, kif ukoll stampata.

▼M1

Il-kliem "resident" u "residenti" jaqgħu fid-definizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 1 (4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2533/98. Fil-każ taż-żona ta' l-euro, it-territorju ekonomiku jikkomprendi: (i) it-territorju ekonomiku ta' l-Istati Membri parteċipanti; u (ii) il-BĊE, li huwa meqjus bħala unità residenti taż-żona ta' l-euro.

Il-bqija tad-dinja (RoW) tikkomprendi t-territorji ekonomiċi 'il barra miż-żona ta' l-euro, jiġifieri Stati Membri li ma adottawx l-euro, pajjżi terzi kollha u organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluż dawk li jinsabu fiżikament ġewwa ż-żona ta' l-euro. L-istituzzjonijiet ta' l-UE kollha(*) huma kkunsidrati li huma residenti barra ż-żona ta' l-euro. Għalhekk, it-tranżazzjonijiet kollha ta' Stati Membri parteċipanti fil-konfront ta' l-istituzzjonijiet ta' UE huma rreġistrati u kklassifikati bħala tranżazzjonijiet mhux taż-żona ta' l-euro fl-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti taż-żona ta' l-euro u tal-pożizzjoni internazzjonali ta' l-investiment.

Fil-każijiet imsemmijin hawn taħt ir-residenza hija ddeterminata kif ġej:

(a) persunal mill-ambaxxati u bażijiet militari għandhom jiġu kklassifikati bħala residenti tal-pajjiż ta' oriġini tagħhom, jiġifieri issir distinzjoni bejn persunal impjegat minn fost ir-residenti tal-pajjiż ospitanti u dawk mill-pajjiż li jirrappreżentaw l-ambaxxata jew il-bażi militari;

(b) meta jkun hemm tranżazzjonijiet internazzjonali dwar artijiet u/jew bini (eż. djar tal-villeġġjatura), il-proprjetarji jiġu kkunsidrati daqslikieku ttrasferew il-proprjetà tagħhom lil unità istituzzjonali fittizja li hija attwalment residenti fil-pajjiż fejn tinsab il-proprjetà. L-unità fittizja hija kkunsidrata li hija proprjetà u kkontrollata mill-proprjetarju mhux residenti;

(ċ) fin-nuqqas ta' dimensjoni fiżika sinjifikanti ta' entità, eż. fondi ta' investiment (għad-differenza mill-maniġers tagħhom), vetturi ta' *securitisation*, u xi entitajiet ta' skop speċjali, ir-residenza tagħha hija ddeterminata mit-territorju ekonomiku li taħt il-liġijiet tagħha hija inkorporata. Jekk l-entità mhijex inkorporata, jintuża d-domiċilju legali bħala kriterju, jiġifieri l-pajjiż li s-sistema legali tiegħu tirregola l-ħolqien u l-eżistenza kontinwata ta' l-entità.

▼B

## 1. Kunċetti u definizzjonijiet ta' elementi magħżula

### 1.1. *Dħul ta' l-investiment (ara wkoll il-Ktieb tal-B.t.p. Sezzjoni 3.4)*

Id-dħul ta' l-investiment ikopri id-dħul derivat mill-propjeta' ta' attiv finanzjarju barra ż-żona ta' l-euro (krediti) ta' resident taż-żona ta' l-euro u, simetrikament, id-dħul derivat mill-propjeta' ta' attiv finanzjarju taż-żona ta' l-euro (debiti) ta' resident barra żona ta' l-euro. Meta jkunu jistgħu jiġu identifikati separatament, il-qligħ u t-telf minn *holdings* (kapitali) mhumiex ikklassifikati bħala dħul mill-

(*) Il-BĊE mhux inkluż.

▼B

investimenti, imma bħala tibdiliet fil-valur ta' l-investimenti minħabba żviluppi tal-prezz tas-suq.

Id-dħul ta' l-investiment jinkludi dħul iġġenerat mill-investiment dirett, l-investiment tal-portafoll u investiment ieħor u mill-attiv ta' riżerva ta' l-eurosistema. Madankollu, flussi netti assoċjati ma' derivattivi tar-rata ta' l-imgħax huma rreġistrati taħt "derivattivi finanzjarji" fil-kont finanzjarju. Qligħ investit mill-ġdid huwa rreġistrat taħt "dħul minn investiment dirett". Dan il-qligħ huwa ddefinit bħala s-sehem ta' l-investitur dirett tal-profitti totali kkonsolidati li l-intrapriża ta' l-investiment dirett taqla' fil-perjodu mogħti ta' referenza (wara l-provvediment għat-taxxa, l-imgħax u d-deprezzament) tnaqqas id-dividendi dovuti għall-ħlas fil-perjodu ta' referenza, anke jekk dawn id-dividendi jkollhom x'jaqsmu ma' profitti magħmula fil-perjodi ta' qabel.

L-obbligi għal *data* ta' kull xahar u trimestrali dwar il-bilanċ tal-pagamenti huma kważi identiċi għal Komponenti Standard ta' l-IMF kif iddefiniti fil-M5BP. ►M1 ———— ◄

Id-dħul ta' l-imgħax huwa rreġistrat abbażi tad-dovuti (*accruals basis*) (dan mhux meħtieġ għad-*data* ta' kull xahar). Id-dividendi huma rreġistrati skond id-data li fiha huma jsiru pagabbli. Il-qligħ investit mill-ġdid għandu jiġi rreġistrat fil-perjodu li fih ikun magħmul il-qligħ.

1.2. *Kont kapitali (ara wkoll il-Ktieb tal-B.t.p Sezzjoni 3.6)*

Il-kont kapitali jkopri it-trasferimenti kapitali u l-akkwist/d-disponiment ta' attiv mhux finanzjarju mhux. Trasferimenti kurrenti għandhom jiġu rreġistrati fil-kont kurrenti. Trasferimenti kapitali jikkonsistu fi (i) trasferimenti ta' propjeta' ta' attiv fiss; (ii) trasferimenti ta' fondi marbuta ma', jew bil-kundizzjoni ta', l-akkiwst jew id-disponiment ta' attiv fiss; u (iii) il-kanċellazzjoni, mingħajr l-ebda konsiderazzjoni riċevuta lura, ta' passiv mill-kredituri. Trasferimenti kapitali jistgħu jkunu fi flus kontanti jew fi ħwejjeġ oħra (bħal maħfra ta' dejn). Id-distinzjoni bejn it-trasferimenti kurrenti u dawk kapitali, fil-prattika, tiddependi mill-użu tat-trasferiment mill-pajjiż li jirċievi. L-akkwist/id-disponiment ta' attiv mhux finanzjarju mhux maħluq ikopri prinċipalment beni immaterjali bħal patenti, kuntratti ta' kera jew kuntratti oħra trasferibbli. Għandu jkun biss ix-xiri/il-bejgħ ta' dan l-attiv, imma mhux l-użu tiegħu, li jiġi rreġistrat f'dan l-element tal-kont kapitali.

▼M1

————

▼B

1.3. *Investiment dirett (ara wkoll il-Ktieb tal-B.t.p. Sezzjoni 3.7)*

L-invesitment dirett huwa kategorija ta' l-investiment internazzjonali li jirrifletti l-għan ta' entita' residenti f'ekonomija waħda biex takkwista interess dejjiemi f'intrapriża residenti f'ekonomija oħra. Konformi ma' standards internazzjonali (IMF), "il-kriterju ta" 10 % propjeta' 'huwa applikat sabiex tiddeduċi l-eżistenza ta' relazzjoni ta' l-investiment dirett, i.e. interess dejjiemi fil-każ tal-bilanċ tal-pagamenti/tal-qagħda internazzjonali ta' l-investiment taż-żona ta' l-euro. Bbażata fuq dan il-kriterju, relazzjoni ta' investiment dirett tista' teżisti bejn numru ta' intrapriżi relatati, mingħajr ma jingħata każ ta' kemm jekk ir-rabta tinvolvi katina waħda jew numru ta' ktajjen. Tista' testendi għas-sussidjarji ta' intrapriża ta' l-investiment dirett, sotto-sussidjarji u assoċjati. Hekk kif l-investiment dirett jiġi stabbilit, il-flussi finanzjarji sussegwenti/il-*holdings* bejn/fil-konfront ta' l-entitajiet relatati huma rreġistrati bħala tranżazzjonijiet/qagħdiet ta' investiment dirett ([1]).

Skond l-istandards ta' l-IMF u l-linji ta' gwida ta' l-eurostat/OECD, ir-relazzjonijiet ta' investiment dirett taż-żona ta' l-euro huma rreġistrati billi jintuża l-prinċipju direzzjonali, iġifieri li t-tranżazzjonijiet finanzjarji bejn l-investitur dirett residenti fiż-żona ta' l-euro u l-intrapriżi ta' l-investiment dirett barra ż-żona ta' l-euro huma kklassifikati bħala "investiment dirett barra". Simetrikament, it-tranżazzjonijiet finanzjarji bejn l-intrapriżi ta' l-investiment dirett residenti u l-investituri diretti barra ż-żona ta' l-euro huma kklassifikati taħt l-element "investiment dirett fl-ekonomija li tirrapporta" tal-bilanċ tal-pagamenti taż-żona ta' l-euro.

Il-komponenti ta' l-investiment dirett huma l-kapital ta' l-ekwita', il-qligħ investit mill-ġdid u "kapital ieħor" assoċjat ma' diversi operazzjonijiet ta' dejn bejn il-

([1]) L-eċċezzjonijiet jeżistu f'dak li għandu x'jaqsam mat-tranżazzjonijiet/qagħdiet f'derivattivi finanzjarji bejn affiljati. Għal dawn ir-reġistrazzjoni tagħhom taħt il-kategorija "derivattivi finanzjarji" aktar milli taħt "investiment dirett/kapital ieħor" ġiet miftiehma fil-livell taż-żona ta' l-euro.

▼B

kumpaniji. Kapital eqity jinkludi equity f' fergħat kif ukoll l-ishma kollha f'sussidjarji u assoċjati. Qligħ investit mill-ġdid jikkonsisti fl-*off-settingentry* għas-sehem ta' l-investitur dirett mill-qligħ mhux distribwit bħala dividendi mis-sussidjarji jew l-assoċjati, u mill-qligħ ta' fergħat mhux mibgħut lill-investitur dirett u li hu rreġistrat taħt "dħul ta' l-investiment". "Kapital ieħor" ikopri l-operazzjonijiet finanzjarji kollha bejn kumpaniji affiljati (self ta' fondi) — inklużi titoli ta' dejn u krediti ta' forrnituri (i.e. krediti ta' negozju) — bejn investituri diretti u sussidjarji, fergħat u assoċjati.

Għal dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni ta' l-istokks ta' l-investiment dirett, il-metodu rrikkmandat internazzjonalment huwa li l-użu tal-prezzijiet tas-suq. Dan il-metodu huwa applikat għall-valutazzjoni ta' l-istokks ta' l-ekwita' fil-każ tal-kumpaniji ta' l-investiment dirett ikkwotati fil-boroż. Għall-kuntrarju, fil-każ tal-kumpaniji ta' l-investiment dirett imma mhux ikkwotati, l-istokks ta' ekwita huma vvalutati abbażi tal-valuri tal-ktieb billi tintuża definizzjoni komuni li tkopri l-elementi tal-kontabilita' li ġejjin:

(i) kapital imħallas (esklużi l-ishma ta' l-istess entita' u inklużi l-kontijiet tar-rigal dwar l-ishma (*shares premium accounts*));

(ii) kull tip ta' riżervi (inklużi għotjiet ta' investiment meta dawn huma kkunsidrati mil-linji ta' gwida tal-kontabilita' bħala riżervi tal-kumpanija); u

(iii) profitti mhux distribwiti wara li tnaqqas minnhom it-telf (inklużi r-riżultati għas-sena kurrenti).

Bħala elementi tal-memorandum, huwa wkoll meħtieġ li l-valuri tal-ktieb ta' l-istokks ta' l-ekwita' fil-kumpaniji ta' l-investiment dirett ikkwotati jużaw l-istess definizzjoni komuni.

Ix-xogħol tat-*Task Force* konġunta tal-BĊE/Kummissjoni (Ewrostat) dwar l-Investiment Barrani Dirett wassal għal xi rakkomandazzjonijiet immirati biex jarmonizzaw il-metodoloġija u l-prattiċi fl-iStati Membri. It-tabella 1 tiġbor fil-qosor ir-rakkomandazzjonijiet prinċipali.

1.4. *Investiment tal-portafoll (ara wkoll il-Ktieb tal-B.t.p. Sezzjoni 3.8)*

Il-kont ta' l-investiment tal-portafoll taż-żona ta' l-euro jinkludi (i) titoli ta' l-ekwita'; u (ii) titoli ta' dejn fil-forma ta' bonds u noti u strumenti tas-suq tal-flus, sakemm huma kkategorizzati jew bħala investiment dirett jew bħala attiv ta' riżerva. *Derivattivi finanzjarji* kif ukoll *ftehim ta' xiri mill-ġdid (repurchase agreements) u self ta' titoli* huma esklużi mill-investiment tal-portafoll.

L-element "equity securities" item ikopri l-istrumenti kollha li jirrappreżentaw klejms dwar il-valur residwu ta' intrapriżi inkorporati wara li l-klejms tal-krendituri kollha jkunu ġew sodisfatti. Stokks, ishma, stokks jew ishma preferenzjali, ċertifikati ta' parteċipazzjoni jew dokumenti simili, jindikaw propjeta' ta' l-ekwita'. It-tranżazzjonijiet/*holdings* ta' l-ishma ta' l-istituzzjonijiet ta' investiment kollettiv, e. ż. fondi ta' investiment, huma wkoll inklużi.

Bonds u noti huma titoli maħruġa b'maturità inizzjali ta' aktar minn sena li s-soltu jagħtu lill-holder (i) id-dritt kategoriku għal dħul monetarju fiss jew dħul monetarju varjabbli ddeterminat kuntrattwalment (il-ħlas ta' l-imgħax ikun indipendenti mill-qligħ tad-debitur); u (ii) id-dritt kategoriku għal somma fissa bħala ripagament tal-prinċipal f'data jew dati speċifikati.

Għall-kuntrarju tal-bonds u n-noti, l-istrumenti tas-suq tal-flus huma titoli maħruġa b'maturita' inizzjali ta' sena jew anqas. Huma jagħtu ġeneralment lill-*holder* id-dritt kategoriku biex jirċievi somma ta' flus stated, fissa f'data speċifikata. Dawn l-istrumenti huma s-soltu nnegozjati, b'roħs, fi swieq organizzati; bir-roħs jiddependi mir-rata ta' l-imgħax u ż-żmien li jkun għad fadal sal-maturita'.

Ir-rapport tat-*Task Force* dwar is-Sistemi ta' Ġbir ta' *Data* dwar l-Investiment tal-Portafoll ġie segwit bi studji ta' fattibbilta' nazzjonali dwar il-possibbilita' ta' ġbir ta' *data* titolu b'titolu fiż-żona ta' l-euro kollha. Dawn l-istudji ġew magħmula dak iż-żmien mill-15 — il Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea u ffinalizzati bil-ftehim li, ta' lanqas jinġabru, l-istokks trimestrali ta' l-investiment tal-portafoll fiż-żona ta' l-euro titolu b' titolu. Dan il-ftehim stabbilixxa erba' mudelli validi għall-kumpilazzjoni ta' l-istatistika ta' l-investiment tal-portafoll, kif ippreżentati fit-tabella mniżżla fl-Anness VI.

Għall-klassifikazzjoni settorali tal-passiv nett taż-żona ta' l-euro fl-investiment tal-portafoll, l-obbligi dwar id-*data* tal-qagħda internazzjonali dwar l-investiment huma l-istess bħal dawk għall-flussi tal-bilanċ tal-pagamenti.

Ir-reġistrazzjoni tat-tranżazzjonijiet ta' l-investiment tal-portafoll fil-bilanċ tal-pagamenti taż-żona ta' l-euro jsir meta l-krendituri jew id-debituri fiż-żona ta' l-

▼B

euro jniżżlu l-klejm jew il-passiv fil-kotba tagħhom. It-tranżazzjonijiet huma rreġistrati skond il-prezz effettiv riċevut jew imħallas, wara li jitnaqqsu l-kummissjoni u l-ispejjeż. Għalhekk, fil-każ ta' titoli bil-kupun, ikun inkluż l-imgħax akkumulat sa mill-aħħar ħlas ta' imgħax u, fil-każ ta' titoli maħruġa b'roħs, ikun inkluż l-imgħax akkumulat sa mid-data tal-ħruġ. Huwa meħtieġ li jiġi inkluż l-imgħax akkumulat Għall-kont finanzjarju tal-bilanċ tal-pagamenti trimestrali u l-qagħda internazzjonali ta' l-investiment huwa meħtieġ li jiddaħħal l-imgħax; l-istess trattament huwa mħeġġeġ fil-bilanċ tal-pagamenti ta' kull xahar; dawn ir-reġistrazzjonijiet fil-kont finanzjarju trimestrali (u ta' kull xahar) għandhom ikollhom *offsetting entries* fil-kont tad-dħul rispettiv.

1.5. *Derivattivi finanzjarji (ara wkoll il-Ktieb tal-B.t.p. Sezzjoni 3.9)*

Derivattivi Finanzjajri huma strumenti finanzjarji marbuta ma' strument finanzjarju speċifiku, indikatur jew prodott, u li permezz tagħhom riskji finanzjarji speċifiċi jistgħu jiġu nnegozjati direttament fi swieq finanzjarji. Tranżazzjonijiet f'derivattivi finanzjarji huma ttrattati bħala tranżazzjonijiet separati aktar milli bħala partijiet integrali tal-valur tat-tranżazzjonijiet bażi li magħhom huma jistgħu jkunu marbuta.

Tranżazzjonijiet u pożizzjonijiet f'*options*, *futures*, *swaps*, kuntratti bil-quddiem fi flus barranin, derivattivi ta' kreditu u *embedded derivatives* huma rreġistrati fil-bilanċ tal-pagamenti, fir-riżervi internazzjonali u fil-qagħda internazzjonali ta' l-investiment. Għal raġunijiet prattiċi, ma ssirx distinzjoni bejn l-*embedded derivatives* u l-istrument bażi li miegħu jkunu marbuta.

Flussi netti assoċjati ma' derivattivi tar-rata ta' l-imgħax huma rreġistrati b'konformita' ma' ftehim riċenti internazzjonali; bħala derivattivi finanzjajri u mhux bħala dħul ta' l-investiment. Il-klassifikazzjoni ta' strumenti speċifiċi ta' derivattivi ta' kreditu għandha tiġi deċiża każ b'każ.

*Initial margin payments* huma kkunsidrati meqjusa bħala tibdiliet f'depożiti u għandhom ikunu rreġistrati, jekk identifikabbli, taħt "investiment ieħor". It-trattament tal-*variation margin payments* jiddependi mill-forma tal-*variation margin*: *options-style variation margins* huma kkunsidrati, fil-prinċipju, bħala tibdiliet f'depożiti u għandhom ikunu rreġistrati, jekk identifikabbli, taħt "investiment ieħor". *Futures-style variation margin* payments huma kkunsidrati, fil-prinċipju, bħala tranżazzjonijiet f'derivattivi u għandhom ikunu rreġistrati taħt "derivattivi finanzjarji".

Fil-każ ta' l-*options*, il-primjum sħiħ (i.e. il-prezz tax-xiri/tal-bejgħ ta' l-*options* u t-tariffa tas-servizz implikata) huwa rreġistrat.

Il-valutazzjoni ta' derivattivi finanzjarji għandha titwettaq abbażi ta' suq b'suq.

Ir-reġistrazzjoni ta' tranżazzjonijiet f'derivattivi finanzjarji sseħħ meta l-kredituri u d-debituri taż-żona ta' l-euro jniżżlu l-klejm jew il-passiv fil-kotba tagħhom. Minħabba problemi prattiċi involuti fis-separazzjoni tal-flussi ta' l-attiv u l-passiv għal xi strumenti derivattivi, it-tranżazzjonijiet ta' derivattivi finanzjarji kollha fil-bilanċ tal-pagamenti taż-żona ta' l-euro huma rreġistrati nett. Qagħdiet ta' attiv u passiv ta' derivattivi finanzjarji fl-istatistika tal-qagħda internazzjonali dwar l-investiment huma rreġistrati gross, bl-eċċezzjoni ta' dawk id-derivattivi finanzjarji li jaqgħu fil-kategorija ta' l-attiv ta' riżerva, li huma rreġistrati nett.

1.6. *Investiment ieħor (ara wkoll il-Ktieb tal-B.t.p. Sezzjoni 3.10)*

Investiment ieħor huwa ddefinit bħala kategorija residwa li jinkludi t-tranżazzjonijiet finanzjarji kollha mhux koperti fl-investiment dirett, l-investiment tal-portafoll, id-derivattivi finanzjajri jew il-kategoriji ta' l-attiv ta' riżerva.

Investiment ieħor ikopri krediti ta' negozju, self, valuta u depożiti u attiv/passiv ieħor. Jiġbor fih ukoll l-*offsetting entries* għal dħul akkumulat minn strumenti kklassifikati taħt investiment ieħor.

Krediti ta' negozju jikkonsistu fi klejms jew passiv li jirriżultaw mill-estenzjoni diretta tal-kreditu minn fornituri jew xerrejja fiż-żona ta' l-euro rispettivament għal tranżazzjonijiet f' prodotti u servizzi u ħlasijiet bil-quddiem għal xogħol li jkun qed isir (jew li jkun se jinbeda) li huwa assoċjati ma' dawk it-tranżazzjonijiet.

Self/valuta u depożiti jkopru tranżazzjonijiet/*holdings* fl-istrumenti finanzjarji li ġejjin: self, i.e. attiv finanzjarju maħluq permezz tas-self dirett ta' fondi minn kreditur (min isellef) lil debitur (min jissellef) permezz ta' arranġament fejn min isellef jew ma jirċievi l-ebda garanzija, jew jirċievi dokument jew strument mhux negozzjabbli, operazzjonijiet *repo-type*, valuta u depożiti. Dan jinkludi, *inter alia*, self biex jiffinanzja negozju, self u *advances* oħra (inklużi ipoteki) u krejja finanzjarji. Id-distinzjoni bejn "self" u "valuta u depożiti" hija bbażata fuq in-

▼B

natura ta' min jissellef. Dan jimplika li, fuq in-naħa ta' l-attiv, flus mogħtija mis-settur li jżomm il-flus fiż-żona ta' l-euro lill-banek barra ż-żona ta' l-euro għandhom jiġu kklassifikati bħala "depożiti", u flus mogħtija mis-settur li jżomm il-flus fiż-żona ta' l-euro lill-banek barra ż-żona ta' l-euro (i.e. unita' istituzzjonali minbarra banek) għandhom jiġu kklassifikati bħala "self". Fuq in-naħa tal-passiv, flus meħuda minn entitajiet li mhumiex banek fiż-żona ta' l-euro (i.e. mhux IFMi) għandhom ikunu dejjem kklassifikati bħala "self". Finalment, din id-distinzjoni timplika li t-tranżazzjonijiet kollha li jinvolvu IFMi fiż-żona ta' l-euro u banek barranin għandhom jiġu kklassifikati bħala "depożiti".

Fil-bilanċ tal-pagamenti/qagħda internazzjonali ta' l-investiment taż-żona ta' l-euro, l-operazzjonijiet kollha *repo-type*, i.e. ftehim ta' xiri mill-ġdid, operazzjonijiet ta' bejgħ/xiri lura u self ta' titoli (bi iskambju ta' flus kontanti għal titlu ta' garanzija), huma ttrattati bħala self iggarantit, u mhux bħala xiri/bejgħ ta' titoli fil-pront, u huma rreġistrati taħt "investiment ieħor" fi ħdan is-settur residenti fiż-żona ta' l-euro li jwettaq l-operazzjoni. Dan it-trattament, li huwa wkoll konformi mal-prattika tal-kontabilita' ta' banek u korporazzjonijiet finanzjarji oħra, huwa maħsub biex jirrifletti aħjar ir-raġuni fundamentali ekonomika li tiġġustifika dawn l-istrumenti finanzjarji.

Attiv/passiv ieħor ikopri l-elementi kollha minbarra krediti ta' negozju, self u valuta u depożiti.

Is-settur taż-żona ta' l-euro "Ewrosistema" f' "investiment ieħor" jinkludi pożizzjonijiet netti ta' l- Ewrosistema mal-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) ta' Stati Membri mhux parteċipanti li għandhom x'jaqsmu ma' l-operazzjoni tas-sistema TARGET. Dawn il-bilanċi/kontijiet interni għas-Sistema Ewropeja tal-Banek Ċentrali (SEBĊ), li huma ddenominati fl-ewro, huma simili għall-movimenti tal-kontijiet *notsro/vostro* ta' l-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFMi) u, għalhekk, irrappurtati lill-BĊE netti taħt il-passiv.

Il-prinċipji tat-"trasferiment tal-propjeta'", tal-"ħin tal-ftehim" u tal-"ħin tal-ħlas" huma kollha konformi ma' l-istandards ta' l-IMF.

Meta mqabblin ma' komponenti standard tal-M5BP, hemm differenza fil-preżentazzjoni tal-klassifikazzjoni (i.e. b' settur bħala l-ewwel prijorita'). Din il-klassifikazzjoni settorali hija madankollu kumpatibbli mal-klassifikazzjoni tal-M5BP fejn strumenti għandhom prijorita'. Għad-*data* ta' kull xahar tal-bilanċ tal-pagamenti, hija meħtieġa distinzjoni bejn flussi ta' żmien qasir u ta' żmien twil fis-settur ta' l-IFMi. Bħal fil-preżentazzjoni tal-M5BP, issir distinzjoni bejn il-valuta u d-depożiti mis-self u investimenti oħra.

1.7. *Attiv ta' riżerva (ara wkoll il-Ktieb tal-B.t.p. Sezzjoni 3.11)*

L-attiv ta' riżerva taż-żona ta' l-euro jikkonsisti fl-attiv ta' riżerva ta' l-eurosistema, i.e. l-attiv ta' riżerva tal-BĊE u tal-BĊNi.

L-attiv ta' riżerva għandu (i) jkun taħt il-kuntroll effettiv ta' l-awtorita' monetarja relevanti ta' l- Ewrosistema jew ta' xi BĊNi; u (ii) klejms likwdi ħafna, negozzjabbli u solvibbli miżmuma mill-Ewrosistema jew residenti barra ż-żona ta' l-euro ddenominati f'valuti minbarra l-euro, id-deheb, qagħdiet ta' riżerva fl-IMF jew drittijiet speċjali ta' ġbid ta' flus (SDRs).

Din id-definizzjoni teskludi espressament milli jiġi kkunsidrati bħala attiv ta' riżerva, sew fil-livell nazzjonali sew fil-livell taż-żona ta' l-euro, dawk il-klejms ta' valuta barranija dwar residenti taż-żona ta' l-euro, u l-klejms ta' l-euro dwar dawk li mhumiex residenti taż-żona ta' l-euro. Bl-istess mod, qagħdiet fi flus barranin tal-gvernijiet ċentrali u/jew tat-Teżor mhumiex inklużi fid-definizzjoni ta' attiv tar-riżerva għaż-żona ta' l-euro skond l-arranġamenti istituzzjonali fit-Trattat li jwaqqaf il-Komunita' Ewropeja.

L-attiv ta' riżerva tal-BĊE huwa dak l-attiv li huwa ppuljat skond l-Artiklu 30 ta' l-iStatut tas-SEBĊ u għalhekk meqjus li hu taħt il-kuntroll dirett u effettiv tal-BĊE. Sakemm ma jsirx l-ebda trasferiment ta' propjeta' ieħor, l-attiv ta' riżerva miżmum mill-BĊNi huwa that il-kuntroll dirett u effettiv tagħhom u huwa ttrattat bħala l-attiv tar-riżerva ta' kull BĊN individwali.

Il-preżentazzjoni tat-tranżazzjonijiet tar-riżervi internazzjonali ta' l-eurosistema juru figura totali għat-tranżazzjonijiet ta' kull xahar. Detttalji addizzjonali tat-tranżazzjonijiet ta' l-eurosistem fid-deheb, kambju fi flus barranin, *holdings* ta' SDRs u qagħdiet ta' riżerva fl-IMF jistgħu jiġu akkwistati kull tlett xhur konformi ma' komponenti standard tal-M5BP. Id-derivattivi finanzjarji huma ppreżentati f'kategorija separata, konformi mar-rakkomandazzjoni riċenti ta' l-IMF f'dan il-qasam.

▼B

Ir-riżervi ta' l-eurosistema huma kkumpilati gross mingħajr l-ebda *netting-off* ta' passiv li għandu x'jaqsam mar-riżerva (bl-eċċezzjoni ta' dak l-attiv ta' riżerva inkluż fis-sottokategorija "derivattivi finanzjarji", li huma rreġistrati nett).

Il-valutazzjoni hija bbażata skond il-prezzijiet tas-suq billi jintużaw (i) għat-tranżazzjonijiet, il-prezzijiet tas-suq l-aktar użati (*prevailing*) fil-ħin meta t-tranżazzjoni sseħħ; u (ii) għal *holdings*, il-prezzijiet ta' l-egħluq tas-suq nofsani (*closing mid-market*) fit-tmiem tal-perjodu xieraq. Ir-rati tal-kambju tas-suq l-aktar użati (*prevailing*) fil-ħin meta t-tranżazzjoni sseħħ u l-prezzijiet ta' l-egħluq tas-suq nofsani (*closing mid-market*) fit-tmiem tal-perjodu xieraq huma wżati rispettivament għall-qlib ta' tranżazzjonjiet u *holdings* ta' attiv iddenominati f'valuta barranija għall-ewro.

Id-dħul mill-attiv ta' riżerva għandu jiġi rreġistrat bla distinzjoni taħt l-element "investiment ieħor" tal-kont tad-dħul ta' l-investiment, inkluż id-dħul ta' imgħax minn *holdings* ta' riżerva ta' titoli ta' dejn, u minn bażi ta' akkrexximent ta' lanqas kull tlett xhur.

L-opinjoni li *riżervi użabbli* jistgħu jkunu indikatur aktar importanti tal-ħila ta' pajjiż biex jissodisfa l-obbligi tiegħu tal-kambju fi flus barranin milli r-riżervi gross kif as shown fil-bilanċ tal-pagamenti u l-istatistika tal-qagħda internazzjonali dwar l-investiment nxterdet aktar u ġiet addottata fl-*iSpecial Data Dissemination Standard* ta' l-IFMi. Biex tikkalkula r-*riżervi użabbli*, id-*data* dwar ir-riżervi gross għandha tiġi miżjuda b'informazzjoni dwar attiv ieħor f'valuta barranija u *passiv li għandu x'jaqsam mar-riżerva.* Għalhekk, id-*data* ta' kull xahar dwar l-attiv ta' riżerva (gross) ta' l-eurosistema hija miżjuda b'informazzjoni dwar attiv ieħor f'valuta barranija, u *drains* netti għal żmien qasir iddeterminati minn qabel u kontinġenti dwar l-attiv ta' riżerva gross ikklassifikat skond il-matrurita' residwa. Barra minn dan, hija meħtieġa wkoll distinzjoni tal-valuta bejn l-attiv ta' riżerva gross iddenominat f'valuti (b'kollox) ta' SDR, u f'valuti oħra (b'kollox) b' pawsa ta' perjodu ta' tlett xhur.

Fir-rigward ta' elementi speċifiċi, il-*holdings* tad-deheb monetarju għandhom jibqgħu l-istess fit-tranżazzjonijiet riversibbli tad-deheb kollha (*gold swaps*, *repos*, self u depożiti). It-tranżazzjonijiet *repo* f'titoli ddenominati f'valuta barranija jirriżultaw f'żidiet fl-ammont totali ta' l-attiv ta' riżerva ta' dak il-BĊNi li jissellef il-flus kontanti, minħabba l-fatt li t-titoli *repoed* xorta jibqgħu fuq il-karta tal-bilanċ; fil-każ ta' *reverse repos*, l-awtorita' monetarja li ssellef il-flus kontanti ma tirreġistra l-ebda varjazzjoni fl-ammont totali ta' l-attiv ta' riżerva jekk il-kontroparti li mhix residenti hija awtorita' monetarja jew istituzzjoni finanzjarja oħra, minħabba l-fatt li hija mbagħad il-klejm dwar min jissellef il-flus kontanti meqjusa bħala l-attiv ta' riżerva.

2. **Metodi ta' implimentazzjoni għall-allokazzjoni ġeografika**

Għall-kumpilazzjoni ta' l-istatistika kklassifikata ġeografikament tal-bilanċ tal-pagamenti u tal-qagħda internazzzjonali dwar l-investiment, ġie segwit metodu bi stadji differenti. Dan il-metodu involva tliet stadji li jimplikaw obbligi ta' *data* progressivament aktar eżiġenti:

Stadju 1: Metodu ta' kumpilazzjoni fil-livell taż-żona ta' l-euro: żieda ta' tranżazzjonijiet/qagħdiet netti totali nazzjonali

Stadju 2: Metodu ta' kumpilazzjoni fil-livell taż-żona ta' l-euro: żieda separata ta' tranżazzjonijiet/qagħdiet b'dawk li mhumiex residenti għal krediti u debiti jew attiv u passiv nett (bilanċ tal-pagamenti)/attiv u passiv (qagħda internazzjonali dwar l-investiment).

Obbligi ta' *data* fil-livell tal-BĊN: identifikazzjoni separata ta' tranżazzjonijiet/qagħdiet bejn ir-residenti taż-żona ta' l-euro u dawk li mhumiex, kif stabbilit fl-Anness II (Tabelli 1, 2, 4 u 5).

Stadju 3: Metodu ta' kumpilazzjoni fil-livell taż-żona ta' l-euro u obbligi ta' *data* fil-livell tal-BĊN: simili għal Stadju 2 biż-żieda ta' klassifikazzjoni ġeografika fi ħdan tranżazzjonijiet/qagħdiet ta' barra ż-żona ta' l-euro. L-iStadju 3 huwa neċessarju biss għall-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti trimestrali, u tal-qagħda internazzjonali annwali dwar l-investiment, kif stabbilit fl-Anness II (Tabelli 7 u 8).

Obbligi ta' *data* fil-livell tal-BĊN: identifikazzjoni separata ta' tranżazzjonijiet/qagħdiet bejn residenti taż-żona ta' l-euro u residenti ta' pajjiżi fil-lista mifthiema ta' pajjiżi/reġjuni kontroparti mniżżla fl-Anness II (Tabelli 9 sa 12).

▼B

3. **Klassifikazzjoni skond is-settur istituzzjonali fl-aggregati taż-żona ta' l-euro (Ara wkoll il-Ktieb tal-B.t.p. Sezzjoni 3.1.6)**

Il-klassifikazzjoni settorali ta' l-aggregati taż-żona ta' l-euro tkopri awtoritajiet monetarji, il-gvern ġenerali, IFMi u setturi oħra taż-żona ta' l-euro.

Awtoritajiet monetarji

Is-settur ta' "l-awtoritajiet monetarji" ta' l-istatistika taż-żona ta' l-euro jikkonsisti fl-Ewrosistema.

Gvern ġenerali

Is-settur tal-"gvern ġenerali" ta' l-istatistika taż-żona ta' l-euro huwa konsistenti mad-definizzjoni ta' dak is-settur fl-SNA 93 u l-ESA 95 u għalhekk ikopri l-unita' li ġejjin:

— il-gvern ċentrali,

— il-gvern ta' stati federali/reġjonali,

— il-gvern lokali,

— il-fondi ta' sigurta' soċjali.

IFMi esklużi l-awtoritajiet monetarji

Dan is-settur "IFMi esklużi l-awtoritajiet monetarji" jikkonċidi mas-settur tal-IFMi għall-istatistika bankarja u tal-flus (esklużi l-awtoritajiet monetarji). Ikopri:

(i) l-istituzzjonijiet ta' kreditu kif iddefiniti mil-liġi tal-Komunita' i.e. intrapriżi li n-negozju tagħhom huwa li jirċievu mill-pubbliku depożiti jew fondi oħra ripagabbli (inkluż id-ħul li jirriżulta mill-bejgħ ta' bonds tal-banek lill-pubbliku) u li jagħtu kreditu għall-kont tagħhom stess; u

(ii) l-istituzzjonijiet finanzjarji residenti l-oħra kollha li n-negozju tagħhom huwa li jirċievu d-depożiti u/jew *close substitutes* għal depożiti minn entitajiet minbarra l-IFMi u, għall-kont tagħhom stess (ta' lanqas f'termini ekonomiċi), li jagħtu krediti u/jew li jagħmlu investimenti f' titoli.

Setturi oħra

Il-kategorija "setturi oħra" ta' l-istatistika taż-żona ta' l-euro tkopri varjeta' ta' unita' istituzzjonali, prinċipalment:

(i) l-istituzzjonijiet finanzjajri l-oħra mhux inklużi fid-definizzjoni tal-IFMi, bħall-istituzzjonijiet ta' l-investiment kollettiv mhux meqjusa bħala fondi tas-suq tal-flus, l-istituzzjonijiet ta' l-investiment ta' propjeta' ta' beni immobbli, in-negozjanti tat-titoli, l-istituzzjonijiet ta' kreditu ipotekarju, il-korporazzjonijiet ta' l-assigurazzjoni, il-fondi tal-pensjoni u l-awżillarji finanzjarji; u

(ii) l-istituzzjonijiet mhux finanzjarji, bħall-intrapriżi mhux finanzjarji pubbliċi u privati, l-istituzzjonijiet mingħajr skop ta' profitt għas-servizz tal-familji, u l-familji nfushom.

Mhux IFMi

Il-kategorija "setturi mhux IFMi" ta' l-istatistika taż-żona ta' l-euro tkopri s-setturi (i) "gvern ġenerali"; u (ii) "setturi oħra".

▼B

TABELLA 1

**Rakkomandazzjonijiet relatati mat-tranżazzjonijiet u l-qagħdiet ta' l-investiment barani dirett, inkluż id-dħul relatat** [1]

| Prijorita' | Azzjoni |
|---|---|
| **Żmien qasir** | |
| Għolja | — Ir-relazzjonijiet indiretti kollha ta' l-investiment barrani dirett [2] għandhom jiġu ttrattati konċettwalment skond l-interpretazzjoni ta' standards internazzjonali ta' statistika msemmija fil-Kapitlu 1 tat-*Task Force* dwar ir-rapport tal-Investiment Barrani Dirett<br>— It-tranżazzjonijiet/qagħdiet (indiretti) kollha ta' l-investiment barrani dirett għandhom jiġu allokati ġeografikament għall-*affiliate* jew *parent company* immedjata, [3]<br>— L-Istati Membri kollha għandhom jibdew jikkumpilaw l-istokks ta' l-ekwità ta' l-investiment barrani dirett u l-qligħ investit mill-ġdid fuq il-bażi tar-riżultati ta' l-istħarriġijiet ta' l-investiment barrani dirett (biex jinġabru ta' lanqas darba fis-sena) [4] , [5]<br>— L-istokks ta' l-ekwità ta' l-investiment barrani dirett għandhom jinġabru separatament għal kumpaniji kkwotati (kemm valuri tal-ktieb u tas-suq) u dawk mhux ikkwotati |
| Baxxa | — Il-kontribuzzjonijiet biex ikopru t-telf ta' l-intrapriżi ta' investiment dirett għandhom ikunu rreġistrati fil-kont finanzjarju |
| **Żmien medju** | |
| Għolja | — Il-"*Current Operating Performance Concept*" għandu jintuża mill-iStati Membri kollha biex jirreġistraw il-qligħ investit mill-ġdid [6]<br>— Komponenti kapitali oħra għandhom jiġu kklassifikati skond ir-rakkomandazzjonijiet tat-*Task Force* dwar ir-rapport ta' l-Investiment Barrani Dirett |
| **Żmien medju** | |
| Medja | — Il-ħlas ta' dividendi minn qligħ kapitali eċċezzjonali għandu jiġi rreġistrat fil-kont finanzjarju (għalhekk ma jidħolx fil-kalkulazzjoni tal-qligħ investit mill-ġdid) |
| **Żmien twil** | |
| Għolja | — Ir-relazzjonijiet indiretti ta' l-investiment barrani dirett għandhom ikopru (bħala minimu) jew (i) *links* indiretti ta' propjetà "il fuq minn 50 %; jew (ii) *links* diretti u indiretti ta' propjetà""il fuq minn 10 %, ikkalkulati bħala l-prodott tal-*links* ta' propjetà" sussegwenti tul katina |

(1) Fl-aħħar ta l-2003.
(2) Din ir-rakkomandazzjoni ma tirreferix għall-bżonn li jiġu koperti relazzjonijiet indiretti, imma aktar għall-metodoloġija li għandha tintuża. Ara wkoll l-azzjoni għal żmien twil relatata mar-rappurtaġġ tar-relazzjonijiet indiretti ta' l-investiment barrani dirett fil-prattika.
(3) Din ir-rakkomandazzjoni hija applikabbli biss għall-qligħ investit mill-ġdid (flussi) u l-istokks ta' l-ekwità ta' l-investiment barrani dirett. Biex tifhem aħjar it-tagħwiġ (*distortions*) li kwalunkwe kriterju ieħor jimplika, ara Kapitlu 2 tat-*Task Force* dwar ir-rapport ta' l-Investiment Barrani Dirett.
(4) L-eċċezzjonijiet huma l-ewwel evalwazzjoni tal-qagħda internazzjonali dwar l-investiment (biex tiġi pprovduta fit-T+9) u l-investimenti fil-propjeta' ta' beni immobbli. Il-prattiċi mhux aċċettabbli li ġejin għandhom jiġu abbandunati: (i) li l-għażla tal-kriterju tal-valutazzjoni titħalla f'idejn l-aġenti tar-rappurtaġġ (valuri tas-suq jew valuri tal-ktieb); u (ii) l-implimentazzjoni ta' metodu ta' inventarju perpetwu/akkumulazzjoni tal-flussi tal-bilanċ tal-pagamenti biex tikkumpila l-istokks.
(5) Matul xi perjodu tranżitorju li għandu jkun iddefinit bilateralment, ikunu aċċettati l-aħjar stimi għall-obbligi l-ġodda fl-iskadenzi miftiehma.
(6) L-iStati Membri jistgħu jiffukaw fuq numru mnaqqas ta' kumpaniji (dawk l-akbar u/jew *holding companies*) meta jagħmlu distinzjoni bejn qligħ u telf ordinarju u estraordinarju.

▼B

*ANNESS IV*

**Trasmissjoni ta' data lill-Bank Ċentrali Ewropew**

Il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) jużaw il-faċilita"ipprovduta mis-Sistema Ewropeja tal-Banek Ċentrali (SEBĊ), li tiddependi fuq ix-xibka tat-telekomunikazzjonijiet 'ESCB-Net', għat-trasmissjoni elettronika ta' l-informazzjoni statistika mitluba mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE). Kull skambji ta' *data* fi ħdan is-SEBĊ jużaw l-istess mudell kunċettwali ta' *data*. Il-format ta' messaġġ statistiku maħluq għal dan l-iskambju elettroniku ta' informazzjoni statistika huwa l-format 'GESMES/TS'. Din il-ħtieġa ma żżommx l-użu ta' xi mezzi oħra ta' trasmissjoni ta' informazzjoni statistika lill-BĊE bħala soluzzjoni alternattiva miftiehma.

Il-BĊNi josservaw ir-rakkomandazzjonijiet imniżżla hawn taħt biex jiżguraw li t-trasmissjoni tad-*data* taħdem b'mod sodisfaċenti.

— Kompletezza: Il-BĊNi jirrappurtaw is-serje ta' l-elementi kollha mitluba. Li ma tirrapurtahomx jew li ddaħħal is-serje ta' l-elementi li ma jinstabux fil-lista jsarraf f'rappurtaġġ mhux komplut. Fil-każ ta' xi osservazzjoni nieqsa, in-nuqqas jiġi rreġistrat billi jintuża s-sinjal korrispondenti ta' l-istatus ta' osservazzjoni. Barra minn dan, meta r-reviżjonijiet isiru biss lil xi sottosett ta' serje ta' elementi, ir-regoli ta' validazzjoni għandhom jiġu applikati għall-bilanċ kollu tal-pagamenti.

— Konvenzjoni ta' sinjali: Il-BĊNi jsegwu konvenzjoni uniformi ta' sinjali għad-*data* kollha li għandha tiġi rrappurtata waqt li jittrasmettuha lill-BĊE, kif ukoll lill-Kummissjoni Ewropeja (Ewrostat). Skond din il-konvenzjoni ta' sinjali, il-krediti u d-debiti fil-kont kurrenti u dak kapitali għandhom jiġu indikati b'sinjal pożittiv, filwaqt li l-bilanċi nett għandhom jiġu kkalkulati w indikati bħala krediti *minus* debiti. Fil-kont finanzjarju, it-tnaqqqis fl-attiv nett/iż-żidiet fil-passiv nett għandhom jiġu indikati b'sinjal pożittiv, filwaqt li ż-żidiet fl-attiv nett/it-tnaqqis fil-passiv nett għandhom jiġu indikati b'sinjal minus. Il-bilanċi netti għandhom jiġu kkalkulati u rrappurtati bħala tibdiliet netti fl-attiv *plus* tibdiliet netti fil-passiv.

  Fit-trasmissjoni tad-*data* dwar il-qagħda internazzjonali ta' l-investiment, il-pożizzjonijiet netti għandhom jiġu kkalkulati u rrappurtati bħala pożizzjoni ta' kreditu *minus* pożizzjoni ta' debitu.

— Identitajiet ta' kontabilita" tad-*data*: Qabel ma d-*data* hija trasmessa lill-BĊE, il-BĊNi għandhom jimplimentaw ir-regoli ta' validazzjoni li kienu distribwiti u li wieħed jista' jakkwistahom fuq talba speċifika.

Kull meta jsiru reviżjonijiet, il-BĊNi jistgħu jibagħtu ġabra ta' *data* aġġornata lill-BĊE. Kwalunkwe reviżjonijet għandhom jiġu trasmessi kif ġej:

— ir-reviżjonijiet għal data ta' kull xahar dwar il-bilanċ tal-pagamenti huma trasmessi bil-preżentazzjoni ta' (i) id-data għax-xahar li jkun imiss; (ii) id-data trimestrali korrispondenti; u (iii) id-data trimestrali riveduta korrispondenti,

— ir-reviżjonijiet għal data trimestrali tal-bilanċ tal-pagamenti huma trasmessi bil-preżentazzjoni tad-data għat-trimestru li jkun imiss,

— ir-reviżjonijiet għal data trimestrali dwar il-qagħda internazzjonali ta' l-investiment huma trasmessi bil-preżentazzjoni tad-data għat-trimestru ta' wara,

— ir-reviżjoniiet għal data annwali dwar il-qagħda internazzjonali ta' l-investiment huma trasmessi bil-preżentazzjoni tad-data għas-snin ta' wara.

Kwalunkwe reviżjonijiet għad-data ta' kull xahar u dik trimestrali dwar il-bilanċ tal-pagamenti li jkopru snin sħaħ huma trasmessi mill-BĊNi lill-BĊE fl-aħħar ta' Marzu u fl-aħħar ta' Settembru, fejn f'din l-aħħar data ssir ukoll il-preżentazzjoni tad-data annwali dwar il-qagħda internazzjonali ta' l-investiment. Reviżjonijiet għad-data trimestrali dwar il-qagħda internazzjonali ta' l-investiment li jkopru snin sħaħ huma trasmessi mill-BĊNi lill-BĊE fl-aħħar ta' Settembru, flimkien mal-preżentazzjoni tad-data annwali dwar il-qagħda internazzjonali ta' l-investiment. Meta jkun xieraq, id-data għall-mudell dwar ir-riżervi internazzjonali tista' tiġi riveduta regolarment. Madankollu, għandha tiġi żgurata l-konsistenza bejn il-pożizzjonijiet fit-tmiem tal-perjodu u l-elementi relevanti fil-kontribuzzjonijiet għall-qagħda internazzjonali ta' l-investiment (trimestrali u annwali) taż-żona ta' l-ewro.

▼B

*ANNESS V*

**Sorveljanza tal-metodi ta' kumpilazzjoni ta' l-Istatistika**

Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jissorvelja l-metodi ta' kumpilazzjoni wżati għar-rappurtaġġ ta' l-istatistika dwar il-bilanċ tal-pagamenti u dwar il-qagħda internazzjonali ta' l-investiment, kif ukoll il-kunċetti u d-definizzjonijiet applikati regolarment mill-iStati Membri parteċipanti. Is-sorveljanza se titwettaq b'konness-joni ma' l-aġġornament tal-pubblikazzjoni tal-BĊE intitolata *Metodi statistika dwar il-bilanċ tal-pagamenti/il-qagħda internazzjonali dwar l-investiment ta' l-Unjoni Ewropeja* (minn issa 'l quddiem "il-Kiteb tal-B.t.p."). Minbarra l-għan tas-sorveljanza, il-Kiteb tal-B.t.p. għandu l-iskop li jinforma lill-kumpilaturi tal-bilanċ tal-pagamenti taż-żona ta' l-ewro dwar żviluppi fi Stati Membri oħra taż-żona ta' l-ewro.

Fil-Ktieb tal-B.t.p. tinsab informazzjoni dwar l-istruttura ta' l-istatistika tal-bilanċ tal-pagamenti u ta' l-istatistika dwar il-qagħda internazzjonali ta' l-investiment għall-iStati Membri kollha. Hemm deskrizzjonijiet dettaljati tal-metodi ta' kumpi-lazzjoni tad-*data,* tal-kunċetti u tad-definizzjonijiet applikati, kif ukoll informaz-zjoni dwar id-devjazzjoni, fl-iStati Membri, mid-definizzjonijiet miftiehma għall-istatistika dwar il-bilanċ tal-pagamenti u l-qagħda internazzjonali ta' l-investi-ment.

Il-Ktieb tal-B.t.p. huwa aġġornat kull sena f'koperazzjoni mill-qrib ma' l-Istati Membri.

▼B

*ANNESS VI*

**Ġbir ta' *data* fil-qasam ta' l-investiment tal-portafoll**

Meta wieħed iqis id-diffikultajiet inerenti fil-kumpilazzjoni ta' l-istatistika dwar l-investiment tal-portafoll, ġie kkunsidrat meħtieġ li jiġu ddefiniti metodi komuni għall-ġbir ta' din l-informazzjoni fi ħdan iż-żona ta' l-euro.

Kif ġie spjegat fis-Sezzjoni 1.4 ta' l-Anness III, ġew imwettqa studji nazzjonali ta' fattibbiltà fir-rigward tal-possibbiltà ta' ġbir ta' *data* titolu b'titolu fiż-żona kollha ta' l-euro. Dawn l-istudji ntemmu bil-qbil li ġej: sa l-aħħar ta' Marzu, 2008, l-Istati Membri taż-żona ta' l-euro jiġbru, titolu b'titolu, ta' lanqas l-istokks trimestrali ta' l-investiment tal-portafoll ta' l-attiv u l-passiv. Sa dak iż-żmien, xi Stati Membri jkunu f'pożizzjoni li jfornu l-aħjar estimi biss għal xi klassifikazzjonijiet speċifiċi ta' l-investiment tal-portafoll, partikolarment is-settur ta' min joħroġ (*issuer*) jew il-valuta/il-pajjiż tal-ħruġ.

Biex is-sistemi ta' ġbir il-ġodda jkunu operattivi, huwa kkunsidrat essenzjali li wieħed ikollu *Centralised Securities Database* (CSDB) funzjonabbli. ►M1 ———— ◄

L-għan tar-rappurtaġġ huwa ddefinit kif ġej: l-istokks ta' titoli rrappurtati lill-kumpilatur nazzjonali fuq bażi aggregata, i.e. mhux bl-użu ta' kodiċi standard (ISIN jew kodiċi oħra simili), m'għandhomx jaqbżu l-15 % ta' l-istokks totali ta' l-investiment tal-portafoll ta' l-attiv jew il-passiv. Din il-linja minima għandha tintuża bħala gwida fl-evalwazzjoni tar-rappurtaġġ tas-sistemi ta' l-Istati Membri. Is-CSDB għandu jkopri suffiċjentament it-titoli ta' l-investiment tal-portafoll fuq livell dinji biex jagħmel possibbli l-kumpilazzjoni ta' statistika minn *data* ta' titolu b'titolu.

L-Istokks ta' l-investiment tal-portafoll ta' l-attiv u l-passiv fi ħdan il-qagħda internazzjonali ta' l-investiment huma kkumpilati purament minn *data* dwar l-istokk.

▼M1

Mid-data speċifikata fil-paragrafu 1.6 ta’ l-Anness I, u wara l-kunsiderazzjoni ta’ l-għażla *phasing-in* imsemmija f’dak il-paragrafu, is-sistemi ta’ ġbir ta’ l-investiment tal-portafoll taż-żona ta’ l-euro jikkonformaw ma’ wieħed mill-mudelli fit-tabella li ġejja:

▼B

**Mudelli validi ta' ġbir ta' data dwar l-investiment tal-portafoll**

| |
|---|
| — Stokks ta' kull xahar [s-b-s] + flussi ta' kull xahar [s-b-s] |
| — Stokks trimestrali [s-b-s] + flussi ta' kull xahar [s-b-s] |
| — Stokks ta' kull xahar [s-b-s] + flussi ta' kull xahar derivati [s-b-s] |
| — Stokks trimestrali [s-b-s] + flussi ta' kull xahar [aggregati] |

*Noti*: “s-b-s” = *security by security data collection (ġbir ta' data titolu b' titolu)*

“flussi derivati” = differenza ta' stokks (aġġustati skond il-movimenti fir-rati tal-kambju, fil-prezzijiet u f'tibdiliet oħra fil-volum identifikati)